MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 354/2011

**App. Nru. 354/2011 DS**
**App. Nru. 355/2011 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Pulis**
**Francesco sive Godwin Scerri**
***… omissis …***

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri talli :

Fil-11 ta' Lulju 2003 u fis-snin ta' qabel, fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera, f'Dar Sant'Agatha Rabat u fil-Marfa, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkorrompew lil Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon, Kevin Micallef u Oliver Goodrum, persuni taht l-eta`, liema minuri kienu fdati lilhom, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehdu hsiebhom, jedukawhom, jghallmuhom, jindukrawhom jew izommuhom, liema persuni li fuqhom sar l-abbuz kienu taht l-eta` ta' tnax il-sena u/jew ma kinux jistghu jirrezistu minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil taghhom, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li nqdew bihom.

Lil Francesco (Godwin) Scerri wahdu:

Talli fis-Sajf tal-1992 fil-Marfa, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Leonard Camilleri, liema persuna kienet taht l-eta`;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Awwissu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31 u 203 tal-Kodici Kriminali:

- sabet lill-imsemmi Carmelo Pulis hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu kif tinkwadra ruhha fl-artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 15 ta' April 2004 u dan in kwantu tirrigwarda l-*parte civile* Lawrence Grech, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Oliver Goodrum, Joseph Magro, Charles Falzon, Jason Camilleri u David Cassar u dan limitatament in kwantu sehh fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera, u in kwantu tirrigwarda l-*parte civile* Leonard Camilleri u dan limitatament in kwantu sehh fil-Marfa u inoltre bis-sussistenza tac-cirkostanza aggravanti msemmija fis-sub-artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali cioe': "*Jekk id-delitt isir minn ............., jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-*

*minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu*" u li tirrigwarda id-disa' (9) *parte civile* hawn fuq imsemmija u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fedina penali netta ta' l-imsemmi Carmelo Pulis u minn naha l-ohra l-gravita` tal-akkuza migjuba kontra tieghu, ikkundannat lill-imsemmi Carmelo Pulis ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija. Inoltre lliberatu mill-istess imputazzjoni in kwantu tirrigwarda biss lill-*parte civile* Raymond Azzopardi u Kevin Micallef;

- sabet lill-imsemmi Francesco sive Godwin Scerri hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u dan in kwantu tirrigwarda biss il-*parte civile* Oliver Goodrum u Leonard Camilleri u b'dan li tirrigwarda il-*parte civile* Oliver Goodrum limitatament in kwantu dak li sehh fil-Marfa u minghajr cirkostanzi aggravanti u in kwantu tirrigwarda l-*parte civile* Leonard Camilleri in kwantu dak li sehh fil-Marfa u fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera u bis-sussistenza tac-cirkostanza aggravanti fis-subartikolu 203(1)(b) tal-Kodici Kriminali in kwantu li jirrizulta li d-delitt sar b'qerq u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza minn naha wahda l-fedina penali minima ta' l-istess Francesco sive Godwin Scerri u minn naha l-ohra l-gravita` ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, u kkundannatu ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija. Inoltre lliberatu mill-ewwel imputazzjoni in kwantu tirrigwarda biss il-*parte civile* Lawrence Grech, Joseph Magro, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Kevin Micallef, kif ukoll illiberatu mit-tieni imputazzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmelo Pulisipprezentat fit-12 ta' Awissu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux hati ta' l-imputazzjoni in kwantu tirrigwarda l-*parte civile* Raymond Azzopardi u Kevin Micallef u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena;

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Francesco sive Godwin Scerri pprezentat fit-12 ta’ Awissu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ma sabitux hati ta’ l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirrigwarda l-*parte civile* Lawrence Grech, Joseph Magro, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Kevin Micallef u fejn ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena;

**5.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta’ Awwissu 2011 li permezz tieghu talab, *inter alia*, li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi fil-konfront ta’ Carmelo Pulis tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, fil-konfront ta’ Francesco sive Godwin Scerri:

(1) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu skond kif imsemmi fis-sentenza u dan in kwantu tirrigwarda biss il-*parte civile* Oliver Goodrum u Leonard Camilleri u b’dan li tirrigwarda l-*parte civile* Oliver Goodrum limitatament in kwantu dak li sehh fil-Marfa u minghajr cirkostanzi aggravanti u in kwantu tirrigwarda l-*parte civile* Leonard Camilleri in kwantu dak li sehh fil-Marfa u fl-Istitut Dan San Guzepp, Santa Venera, u bis-sussistenza tac-cirkostanza aggravanti fis-subartikolu 203(1)(b) tal-Kodici Kriminali;

(2) tikkonfermaha wkoll f’dik il-parti fejn sabitu mhux hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu skond is-sentenza sa fejn tirrigwarda biss lill-*parte civile* Lawrence Grech, Joseph Magro, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Kevin Micallef;

(3) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabitu mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u cioe` dik ta’ stupru fuq il-persuna ta’ Leonard Camilleri, u lliberatu minnha, u minflok:

(4) issib lill-istess Francesco sive Godwin Scerri hati ta' din it-tieni imputazzjoni skond il-ligi,

(5) u konsegwentement tinfliggi fil-konfront ta' Francesco sive Godwin Scerri l-piena komplessiva, idoneja u gusta skond il-ligi;

**6.** Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-18 ta' April 2012 li permezz taghha cahdet l-appell ta' l-Avukat Generali in kwantu jirrigwarda t-talbiet tieghu sabiex tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward ta' Francesco sive Godwin Scerri fejn l-ewwel Qorti ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni (dak ta' stupru) u sabiex minflok issibu hati ta' l-istess imputazzjoni;

**7.** Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet ix-xiehda ta' Dr. Josef Micallef, Dr. Mark Xuereb, Lou Bondi u Mr. Stephen Mattocks; semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**Ir-rikors ta' appell ta' Carmelo Pulis**

**8.** L-aggravji ta' l-appellant Carmelo Pulis huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-maggor parti ta' l-imputazzjonijiet li taghhom huwa gie misjub hati huma preskritti; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed selettiv, parzjali u inkomplet; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, jezisti l-ostakolu tan-*ne bis in idem* ghall-azzjoni kriminali li ghandha tigi dikjarata estinta; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, il-piena erogata hija sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**9.** Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkunsidra l-ewwel aggravju ta' l-appellant Carmelo Pulis fejn huwa qieghed isostni illi l-azzjoni kriminali tinsab preskritta ghal dak li jirrigwarda lil Lawrence Grech, Noel Dimech, Oliver Goodrum, Joseph Magro, Jason Camilleri u Leonard Camilleri. Skond l-appellant Pulis, il-preskrizzjoni tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni bl-aggravanti hija ta' ghaxar snin. Huwa gie akkuzat fis-sena 2003 filwaqt illi l-

allegazzjonijiet li ghamlu l-imsemmijin sitt persuni jirrisalu ghal perijodi li jissuperaw l-ghaxar snin.

**10.** L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kienet tqajmet quddiem l-ewwel Qorti u dik il-Qorti hadet qies tal-piena ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni bl-aggravanti mizjuda b'zewg gradi minhabba r-reat kontinwat. L-appellant jghid illi huwa konsapevoli mill-fatt li tezisti gurisprudenza *in materia* fis-sens li tali zieda ghandha tittiehed in konsiderazzjoni. Isostni, pero`, li l-motivazzjoni moghtija f'dik il-gurisprudenza hija simplicistika u bazata fuq qari superficjali u mhux komplet ta' l-artikolu 689 tal-Kodici Kriminali. Jirreferi ghal xi gurisprudenza biex isahhah il-fehma tieghu, senjatament **Il-Pulizija v. Hubert Micallef** deciz fil-31 ta' Mejju 2001, u **Il-Pulizija v. Lorenzo sive Lorry Cuschieri** deciz fit-30 ta' Ottubru 2001.

**11.** Jghid, pero`, li anke kieku din il-Qorti kellha tiskarta ghal kollox l-osservazzjonijiet maghmula fis-sentenza ta' **Cuschieri**, il-kaz fir-rigward ta' Lawrence Grech, Noel Dimech u Oliver Goodrum huwa xorta wahda preskritt in kwantu kien hemm it-trapass ta' 'l fuq minn hmistax-il sena bejn l-allegati reati u n-notifika ta' l-appellant bl-imputazzjoni migjuba kontrieh. Dan jghidu ghax isostni li l-preskrizzjoni trid necessarjament tigi ezaminata fil-konfront ta' kull soggett passiv individwalment ghar-raguni li r-reat kontinwat ma jistax jintuza a detriment ta' l-appellant billi jintrabtu l-allegati *parte civile* flimkien.

**12.** Biex jissussisti r-reat kontinwat[1] irid ikun hemm is-segwenti elementi: (1) pluralita` ta' azzjonijiet jew ommissjonijiet (2) vjolazzjoni ta' l-istess disposizzjoni tal-ligi, (3) maghmulin b'risoluzzjoni wahda (*un identico disegno criminoso*). Dawn il-vjolazzjonijiet jistghu jkunu saru anke fi zminijiet differenti.

**13.** L-appellant isostni (b'referenza ghal **Il-Pulizija v. Hubert Micallef**) li c-cirkostanza tar-reat kontinwat ma

---

[1] Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta: "Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi."

ghandu ebda rilevanza jew importanza ghal dak li hu z-zmien tal-preskrizzjoni, u dan peress illi l-artikolu 689[2] jipprovdi li ghall-finijiet ta’ preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha reat hu ordinarjament suggett. Din il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma peress illi l-artikolu 689 jghid aktar minn hekk. L-imsemmi artikolu jipprovdi ukoll li dak li ghandu jigi eskluz fil-komputazjoni li trid taghmel il-Qorti huwa (1) kull skuza jew cirkostanza ohra li minhabba fiha r-reat ikun suggett ghal piena izghar, u (2) ir-recidiva. Fil-kaz odjern m’ghandniex addebitu ta’ recidiva. Inoltre r-reat kontinwat mhuwiex “skuza”. U ghalkemm ir-reat kontinwat huwa normalment meqjus bhala beneficcju li jinghata lill-imputat jew akkuzat minhabba li numru ta’ vjolazzjoniiet jitqiesu bhala “reat wiehed”, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dak ir-“reat wiehed” mhuwiex suggett ghal “piena izghar” izda ghal piena akbar peress illi l-Qorti tkun tista’ zzid il-piena minn grad sa zewg gradi. Jigifieri l-parametri tal-piena jitwessghu bis-sahha ta’ l-imsemmi artikolu 18.

**14.** L-appellant jirreferi wkoll ghal **Il-Pulizija v. Lorenzo sive Lorry Cuschieri**, fejn intqal, *inter alia*, li anke kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita` hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga` jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici. Dan l-argument pero` jinjora l-fatt illi l-vjolazzjoniiet jistghu jkunu saru “fi zminijiet differenti”, u skond il-gurisprudenza u guristi diversi l-intervall bejn vjolazzjoni u ohra jista’ jkun konsiderevoli stante li l-artikolu 18 ma jimponi l-ebda limitu u jirreferi biss ghall-atti li l-hati jkun ghamel “ukoll jekk fi zminijiet differenti”. Naturalment imbaghad sabiex l-artikolu 18 ikun applikabbli jridu jissussistu l-elementi l-ohra hawn fuq indikati (paragrafu 13).

---

[2] Artikolu 689 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta: “Ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett, apparti minn kull skuza jew cirkostanza ohra partikulari li, minhabba fiha, skond il-ligi, ir-reat ikun suggett ghal piena izghar; lanqas ma ghandu jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba recidiva.”

**15.** L-ewwel Qorti ma segwietx il-linja ta' kazistika li ghaliha l-appellant ghamel referenza, izda segwiet dak illi ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Borg** deciza fl-10 ta' Mejju 2000 minn din il-Qorti diversament presjeduta li ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Grazio Zerafa** ta' l-4 ta' Novembru 1976. Aktar recenti giet ukoll segwita din il-linja ta' decizjonijiet permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti ukoll diversament presjeduta tas-6 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Vella**. Fil-fatt f'din is-sentenza saret referenza ghad-decizjonijiet kontrastanti dwar din il-materja. Qed jigi riprodott *in extenso* dak li ntqal fl-imsemmija sentenza:

**"Din il-Qorti ser issegwi s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2000 u dik tal-4 ta' Novembru 1976 għaliex legalment aktar jagħmlu sens ġaladarba wieħed jaċċetta l-mod kif inhu ttrattat ir-reat kontinwat fil-Liġi tagħna, liema trattament huwa differenti minn kif huwa meqjus ir-reat kontinwat f'Liġijiet oħrajn. It-test tal-Liġi jgħid hekk: 'dawn l-atti jitqiesu bħala wieħed'. Għalhekk l-argument li jidher fl-ewwel sentenza ċitata aktar 'il fuq jaqa' għaliex ma jifdalx aktar reati li mietu wieħed, wieħed iżda ġaladarba l- katina r-reati tgħaqqad ir-reati kollha, dawn jibqgħu' ħajjin għall-fini tal-preskrizzjoni. L-imputat ikun ħa l-vantaġġ permezz tal-artikolu 18. Iżda mal-vantaġġ irid jieħu wkoll l-iżvantaġġ. L-artikolu 689 tal-Kap 9 isemmi r-reċidiva iżda ma jsemmix ir-reat kontinwat. Dan l-artikolu l-aħħar li ġie emendat kien fis-sena 1900 u kieku sa llum il-Leġislatur ried idaħħal ir-reat kontinwat, kellu żmien biżżejjed biex jagħmlu. Iżda dan ma setax jagħmlu mingħajr ma jibdel il-kunċett kif radikat fl-artikolu 18.**

**"Skont l-artikolu 691, il-preskrizzjoni tibda tgħaddi mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-Liġi.**

**"Issa f'dan il-każ l-ewwel imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 203(1)(a) għaliex miċ-ċertifikat tat-twelid jirriżulta li l-imputat twieled fl-20 ta' Frar 1982 u l-fatti**

**allegati, skont il-provi, seħħew fl-1993 - u, skont iċ-ċitazzjoni, fix-xhur ta' qabel. Mix-xhieda ta' Omissis hemm indikazzjoni tas-sajf tal-1993.**

**"Għalhekk (i) l-allegat vittma ma kienx għalaq tnax-il sena. (ii) il-piena stabbilita għar-reat hija bejn tliet snin u sitt snin.**

**"L-artikolu 18 tal-Kap 9, li jittratta dwar ir-reat kontinwat, jipprovdi hekk:**

**"'Dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.'**

**"Dan ifisser li l-piena bażika – minn tliet snin sa sitt snin – b'applikazzjoni tal-artikolu 31(1)(b) (vi)(iv)(iii) tista' titla' għal ħames snin sa tnax-il sena.**

**"Għalhekk il-massimu possibbli huwa tnax-il sena. Skont l-artikolu 688 tal-Kap 9 l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:**

**"'(b) bl-għeluq ta' 15-il sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin.'**

**"L-atti allegatament saru fis-sena 1993 u l-appellant tressaq fis-sena 2004. Minħabba li ma kinux għaddew 15-il sena bejn meta saru l-allegati atti u meta l-appellant tressaq il-Qorti, il-Qorti mhix tilqa' l-eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni."**

**16.** Issir referenza wkoll ghal dak li qal il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu fuq il-procedura kriminali, u cioe` li *"the punishment to which regard is had is that prescribed by the law in the abstract and not to that actually incurred by the offender"*, u *"having also regard to the various circumstances, except relapse, which*

*according to law may aggravate the punishment"*[3]. Fil-kaz in ezami, mela, il-parametri tal-piena applikabbli – bhal fil-kaz **Il-Pulizija v. Carmel Vella** citat fil-paragrafu precedenti – huma minn minimu ta' tliet snin sa massimu ta' sitt snin li, biz-zieda kontemplata fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 31(1)(b)(vi)(iv)(iii) ta' l-istess Kap. 9, tista' titla' ghal minimu ta' hames snin u massimu ta' tnax-il sena. B'hekk il-parametri tal-piena f'dan il-kaz huma minn tliet snin sa tnax-il sena. Dan ifisser illi l-perijodu preskrittiv fil-kaz odjern huwa ta' hmistax-il sena skond l-artikolu 688(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**17.** L-appellant, pero`, ikompli jissottometti li anke kieku din il-Qorti kellha tiskarta ghal kollox l-osservazzjonijiet maghmula fis-sentenza **Il-Pulizja v. Lorenzo sive Lorry Cushcieri**, il-kaz fir-rigward ta' Lawrence Grech, Noel Dimech u Oliver Goodrum huwa xorta wahda preskritt in kwantu kien hemm it-trapass ta' 'l fuq minn hmistax-il sena bejn l-allegati reati u n-notifika ta' l-appellant bl-imputazzjoni migjuba kontrieh. Dan jghidu ghax isostni li l-preskrizzjoni trid necessarjament tigi ezaminata fil-konfront ta' kull suggett passiv individwalment ghar-raguni li r-reat kontinwat ma jistax jintuza a detriment ta' l-appellant billi jintrabtu l-allegati *parte civile* flimkien. L-appellant jenfasizza li t-teorija li giet adottata mill-Qrati taghna hi dik minnu espost. Dwar it-teorija li awturi moderni huma ta' l-opinjoni li d-diversita` tas-suggetti passivi ma jrendix impossibbli l-kontinwita` tar-reat, l-appellant jghid: "Dak li pero` ma ratx il-Qorti, u li gie suggerit b'mod fin minn dawn l-illustri awturi hu l-fatt li fejn il-Majno u l-Impallomeni jghidu kategorikament li r-reat kontinwat f'dawn ic-cirkostanzi hu eskluz, l-Antolisei u l-Crivellari huma inqas kategorici u ma jeskludux din il-possibilita`. Pero` dawn l-awturi lanqas ma huma qed jghidu li min ghandu jiggudika ghandu jabdika kompletament milli jara jekk hemmx *'un identico disegno criminoso'*; qeghdin semplicement jghidu li l-possibilita` m'ghandhiex tigi eskluza *a priori*."

---

[3] Notes on Criminal Procedure, p. 35.

**18.** Il-Professur Mamo jghid hekk dwar din il-kwistjoni[4]:

**"But serious controversy exists in respect of those offences which directly injure the person. Her Majesty's Criminal Court in 'Rex vs Vincenzo Grima' (28.2.1938) accepted the theory propounded by Impallomeni and followed by Maino and held that 'in crimes against the person the diversity of the victims excludes in all cases the possibility of the offences being deemed a single offence under the provisions of section 20 of the Criminal Code. The expression 'crimes against the person' must be taken to mean in this context not only crimes properly falling under that nomenclature, but all crimes wherein some attribute of the person is concerned, be it life, health, reputation, modesty, morals or liberty. Impallomeni bases his theory on the consideration that in the case of offences against the person, where the victims of the diverse actions are several, it is impossible that the agent can have perpetrated the same in the execution of one sole resolution: he cannot possibly have the consciousness of committing one single offence, for the events contemplated by him must necessarily appear to his mind as several and distinct and each fresh action is inevitably accompanied by a fresh resolution. If several persons are wilfully killed or injured in the heat of a quarrel, there is a repetition of offences and not a single continuous offence: it is inconceivable that the death or injury of the several victims can have been the result of one single concrete act of the will. The same thing, on the contrary, cannot be said in respect of other offences and particularly of those against property; generally speaking, it is indifferent to the thief whether the things which he sets out to steal belong to one or to more persons and it cannot be said that he requires to make a fresh resolution each time he takes the several objects: the second and subsequent takings are only the prosecution of the original design.**

---

[4] Notes on Criminal Law, P. I, p. 176 – 177.

**"Yet it must be noted that the law itself does not make any distinction: it does not expressly require that the several violations constituting a continuous offence should be directed against or be to the detriment of the same person. In the absence of any such condition in the law, Crivellari thinks that the matter cannot be settled by the absolute *a priori* rule laid down by Impallomeni. He holds that, in practice, it is not absolutely impossible that several individuals may be injured in their person or their reputation etc. in pursuance of one and the same resolution and he, therefore, concludes that even in the case of offences against the person, though the victims may be different, the several violations of the same provision of the law may constitute a continuous offence: 'Comunque sara` sempre questione di fatto, questione di apprezzamento: ma al giudizio sul fatto e perche` l'apprezzamento possa essere esattamente giusto dovra` aversi, se non <u>esclusivamente</u>, pero` <u>non ultimo riguardo alla risoluzione criminosa</u>. Se il magistrato (togato o non togato) ritiene che nelle piu` violazioni della stessa disposizione di legge, identica sia stata la risoluzione criminosa, cioe` che una stessa risoluzione abbia indotto l'agente a commettere le piu` violazioni di una stessa disposizione di legge, avra` una guida abbastanza sicura per giudicare esservi continuazione di reato, senza riguardo che una o piu` siano state le persone danneggiate, perche`, giova ripeterlo, il patrio legislatore non fece alcuna distinzione nell'articolo che abbiamo esaminato'."**

**19.** L-appellant jinsisti illi r-reat kontinwat mhuwiex applikabbli fil-kaz ta' reati kontra l-persuna u jirreferi ghas-sentenza li ghaliha rrefera l-Prof. Mamo, cioe` **Rex vs Vincenzo Grima** u ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat** moghtija fit-13 ta' Mejju 1998. L-appellant jghid li f'din l-ahhar kawza l-Qorti regghet ghazlet it-tezi ta' Impallomeni u Majno u mhux dik ta' Crivellari u Antolisei. Dan mhuwiex preciz. Fis-sentenza taghha tat-13 ta' Mejju 1998 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ccitat l-ewwel is-

sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-18 ta’ Ottubru 1996 fejn, fil-parti rilevanti, intqal hekk:

**“Ir-raba’ eccezzjoni (ittra D) ta’ l-akkuzat tghid hekk:**

**“ ‘Illi s-seba’ u tmien kapi ta’ l-att ta’ l-akkuza fil-fatt jirriferixxu ghall-allegat ksur ta’ l-istess disposizzjoniiet tal-ligi rigwardanti l-istess fatti u kwindi mhux korrett li gew intavolati zewg kapi.’**

**“F’dawn iz-zewg kapi l-Avukat Generali qed jakkuza lil Charles Steven Muscat bid-delitt ta’ theddid bil-fomm akkumpanjat b’ordni. Pero` d-delitt fis-seba’ kap kien allegatament maghmul a dannu ta’ John Caruana. Issa, huwa principju stabbilit kemm fil-gurisprudenza kif ukoll skond certa duttrina li meta si tratta ta’ reati kontra l-persuna – u r-reat ikkontemplat fl-artikolu 249 hu delitt kontra l-persuna – ikun hemm invarjabbilment diversita` ta’ reati b’mod li addirittura tigi eskluza anke l-figura tar-reat kontinwat. Infatti din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-28 ta’ Frar 1939 fl-ismijiet Il-Maesta` Tieghu r-Re vs Vincenzo Grima et, presjeduta mill-Prim Imhallef Sir Arturo Mercieca u sedenti mieghu l-Imhallfin Ganado u Harding, kienet qalet hekk in materja:**

**“ ‘Illi ghalkemm, bhala regola, l-identita` tas-suggett passiv ma teskludix dejjem il-pluralita` tar-reati u lanqas id-diversita` tas-suggetti passivi ma hija dejjem argument biex teskludi r-reat kontinwat, pero` gie ritenut fid-dottrina … illi meta si tratta ta’ reat kontra persuna, allura d-diversita` tas-suggett passiv teskludi dejjem u f’kull kaz il-kuncett ta’ reat kontinwat. Jispjega l-Impallomeni illi min jesplika l-azzjoni tieghu delittwuza fuq persuni diversi huwa animat minn tant kawzi specjali u tant finijiet kemm huma l-persuni u fejn hemm kawzi u finijiet distinti hemm rizoluzzjonijiet kriminuzi distinti u mhux rizoluzzjoni kriminuza wahda, anke jekk l-azzjoni delittwuza tigi esplikata fuq persuni diversi. Fl-istess kuntest ta’ zmien hemm kontemporaneita` ta’ rizoluzzjonijet kriminuzi diversi, izda mhux**

**rizoluzzjoni kriminuza wahda … F’dana l-insenjament jitqiesu bhala reati kontra l-persuna mhux biss dawk proprjament hekk imsejhin, izda anke dawk li jolqtu attributi ohra tal-persuna bhal ma huma l-unur, il-misthija, il-liberta`, ecc.’**

**“Dana l-insenjament ta’ din il-Qorti jidher li gie, bhala regoa, dejjem segwit. Huwa veru li hemm dottrina ohra, li l-esponent principali taghha kien il-Crivellari, li pero` ma tantx jidher li sabet favur f’dawn il-Qrati. Ghandu jinghad ukoll li l-gurispudenza aktar recenti tal-Kassazzjoni Taljana dwar l-artikolu 81 tal-Kodici Penali Taljan, li t-tieni inciz tieghu jinkorpora l-istess kuncett ta’ reat kontinwat bhalma wiehed isib fil-ligi taghna, hi fis-sens li jista’ f’certi kazijiet ikollok il-figura tar-reat kontinwat anke meta si tratta ta’ diversi persuni bhala s-suggetti passivi tar-reat (ara f’dan is-sens Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*, Giuffre` (Milano), 1989, p.459). Ikun ghalhekk jispetta ghall-Imhallef li jippresjedi l-guri li se mai jindirizza lill-gurati dwar jekk ir-reati addebitati fis-seba’ kap u fit-tmien kap ghandhomx jitqiesu bhala reat wiehed kontinwat o meno, u dan, naturalment, ikun jiddependi mill-fatti kif talvolta jirrizultaw. Konsegwentement ma hemm lok ta’ ebda dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ dawn il-kapi.”**

**20.** L-imsemmija raba’ eccezzjoni giet b’hekk respinta. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dik il-Qorti ma eskludietx – kif donnu jippretendi l-appellant odjern – il-possibilita` li jkun hemm reat kontinwat anke fejn hemm diversi suggetti passivi, u halliet il-kwistjoni miftuha. L-akkuzat f’dik il-kawza appella mis-sentenza u talab, *inter alia*, ir-revoka ta’ din il-parti tas-sentenza. Fis-sentenza taghha l-Qorti ta’ Appell Kriminali qalet fir-rigward:

**“Din il-Qorti ghalkemm tifhem il-portata ta’ uhud mis-sottomissjojnijiet li qed jaghmel l-appellant in materja ta’ kemm f’kazijiet kontra l-persuna tista’ tiffigura f’cirkostanzi partikolari l-figura tar-reat kontinwat, ma taqbilx mieghu li dan huwa ezercizzju li jista’ jsir aprioristikament kif inhi kkontemplata s-sistema**

**taghna tal-guri. Fil-fatt, tenut kont tal-fatt li jekk hija applikabbli f'xi kazijiet l-eccezzjoni li qed jirreferi ghaliha hu, bir-rizultat li jkun jista' jiffigura r-reat kontinwat, dan ikun ifisser li jrid necessarjament jigu ezaminati minn qabel ic-cirkostanzi, kif ukoll l-*animus* u l-*mens rea* ta' l-akkuzat – konsiderazzjonijiet li jistghu jsiru biss fl-istadju opportun u mhux minn qabel. Din il-Qorti ma tiddubitax illi jekk l-ewwel Onorabbli Qorti temmen li f'certu cirkostanzi jista' jiffigura r-reat kontinwat, anke f'kazijiet ta' reati kontra l-persuna, dana tispjegah lill-gurati fil-mument opportun. Pero` l-appellant ma jistax jippretendi minn din il-Qorti li minn issa tiddeciedi li l-gurati ghandhom jigu diretti fis-sens illi qieghed jghid hu jew li addirittura aprioristikament jigu determinati certi fatti li la din il-Qorti u lanqas l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tista' tiddetermina hi, ghal dan l-istadju. Ghalhekk ghamlet sewwa l-Ewwel Onorabbli Qorti meta cahdet l-eccezzjoni tieghu msemmija."**

**21.** L-interpretazzjoni li din il-Qorti taghti lil dawn il-brani hi li kemm il-Qorti Kriminali kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma baqghux marbutin mat-teorija kategorika ta' l-Impallomeni u l-Majno u harsu lejn il-kwistjoni jekk hemmx reat kontinwat anke fejn hemm diversi suggetti passivi bhala kwistjoni ta' fatt. Naturalment il-Qorti tkun trid tezamina jekk l-awtur kellux *"un identico disegno criminoso"*. Bhalma jispjega tant car l-Antolisei[5]:

**"In passato si sostenne che il reat continuato resta escluso dalla diversita` dei soggetti passivi. Successivamente la dottrina fu concorde nell'opinione che tale diversita` di per se` non rende impossibile la continuazione, dato che l'art. 81 del codice non richiede il requisito dell'unicita ` del soggetto passivo. Solo allorche` la diversita` delle vittime esclude un identico disegno criminoso, non si avra` reato continuato. Per tal modo sara` responsabile di omicidio continuato colui che, in base ad un preciso programma, uccida successivamente,**

[5] Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale**, Parte Generale, p. 523, 14th edition.

**per identico fine, vari membri di una famiglia. Giurisprudenza e dottrina hanno fino ad oggi costantemente ritenuto che l'indagine sull'esistenza o meno del disegno criminoso e` di mero fatto e, quindi, sottratta al controllo della Cassazione."**

**22.** Din il-Qorti taqbel ma' din il-pozizzjoni, u ghalhekk, jekk hemmx ir-rabta tar-reat kontinwat bejn id-diversi suggetti passivi fil-kaz odjern jiddependi mill-ezami li sejra taghmel din il-Qorti tal-fatti. Fir-rigward ta' l-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti, il-gurisprudenza in materja hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**23.** L-appellant Pulis jibda t-tieni aggravju tieghu li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi billi jilmenta dwar il-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet mill-eccezzjonijiet dwar l-istqarrija tieghu. Effettivament jirrizulta illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011 quddiem l-ewwel Qorti d-difensuri ta' l-imputati eccepew l-inammissibilita` ta' l-istqarrijiet taz-zewg ko-imputati (Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri). Fin-nota responsiva taghhom tal-21 ta' Gunju 2011 ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-*parte civile* u tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-appellanti elaboraw l-eccezzjoni taghhom billi qalu li (1) l-istqarrijiet li huma ghamlu kienu lezivi tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq sancit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali peress illi ma kellhomx assistenza legali u (2) li l-istqarrija li ghamel l-appellant Pulis ma kinitx wahda volontarja minhabba l-istat mentali tieghu.

**24.** Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, wara li rreferiet ghas-sentenza tal-Grand Chamber ***Salduz v. Turkey*** (27.11.2008) u ghal sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, iddecidiet li ma kinitx sejra tisfilza

l-istqarrijiet izda li ma kinitx sejra taghmel uzu minnhom. Hija qalet hekk:

**"Filwaqt li din il-Qorti, wara li kkunsidrat it-talba hawn fuq imsemmija ghal dikjarazzjoni ta' non ammissibilita` ta' l-istqarrijiet taz-zewg imputati u ghalkemm fl-istess hin mhix qieghda tisfilza l-istqarrijiet taz-zewg imputati, minhabba dak li ghadu kif inghad hawn fuq, issib li fil-kaz odjern hemm bizzejjed provi independenti mill-istqarrijiet u minghajr ma' dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra l-imputati ghal sejbien ta' htija biex din il-Qorti tasal ghal decizjoni dwar htija o meno tal-imputati.**

**"Ghaldaqstant din il-Qorti, fid-dawl tas-suespost, mhix qieghda tiddikjara li l-istqarrijiet taz-zewg imputati huma inammissibbli, imma mhux sejra tuza dawn l-istqarrijiet ghal fini ta' sejbien ta' htija o meno tal-istess imputati."**

**25.** Din il-Qorti tghid illi kemm l-appellant Pulis kif ukoll l-appellant Scerri ma sofrew l-ebda pregudizzju bil-fatt illi l-istqarrijiet taghhom ma gewx sfilzati. L-ewwel Qorti kienet cara meta qalet illi ma kinitx sejra tuza l-istess stqarrijiet ghall-fini ta' sejbien ta' htija o meno ta' l-appellanti. Inoltre dan kien konsonanti mal-gurisprudenza nostrana.

**26.** Kwantu ghat-tieni eccezzjoni ta' l-appellant Pulis, fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li l-istqarrija tieghu ma kinitx inammissibbli ghar-ragunijiet moghtija minnu, effettivament, galadarba dik il-Qorti kienet diga` ddecidiet li ma kinitx sejra taghmel uzu mill-istqarrija ta' l-appellant Pulis, setghet sahansitra astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' din it-tieni eccezzjoni. Din il-Qorti sejra ghalhekk issa tghaddi biex tikkunsidra l-provi.

**27.** Issa, minn naha ghandna dak li jghidu l-allegati vittmi dwar l-agir ta' l-appellant u ohrajn u min-naha l-ohra ghandna c-cahda kategorika ta' l-appellant. L-appellant jaghmel minn kollox biex jattakka l-kredibilita` tax-xhieda principali kontra tieghu. Prattikament jghid li din ma hi xejn

hlief kongura kontra tieghu mmexxija minn Lawrence Grech.

**28.** Dwar Lawrence Grech l-appellant jghid illi l-istampa li pprova jpingi ta' hajtu hija wahda ta' abbuzi gejjin minn kull angolu ta' Malta. Jirreferi ghal dak li qal Lawrence Grech dwar l-esperjenzi ma' certu Fr. Conrad, certu Fr. Marrelit u *teacher* tal-primarja, kif ukoll ghal dak li kien jaghmillu certu Marco Azzopardi ghal perijodu ta' erba' snin, u anke ghal wiehed li Lawrence Grech kien jahdem mieghu maghruf bhala "s-Sincier" li wkoll ipprova jabbuza minnu sesswalment. Skond l-appellant, li kieku din l-immaginazzjoni kellha tigi trasferita fir-realta`, ghandha tapplika d-difiza *corrupta non corrumpitur*. Skond l-appellant dak li jghid Lawrence Grech huwa frott ta' immaginazzjoni fertili straordinarja. Inoltre jghid li Lawrence Grech inqabad f'inkonsistenzi u gideb lampanti. Jirreferi ghal meta in kontro-ezami Lawrence Grech gie mistqosi jekk qattx kien zamm bil-forza, bekka u nezza' lil David Cassar u rrisponda fin-negattiv, izda mbaghad gie kkonfrontat b'evidenza fejn ma setax jibqa' jghix il-gidba tieghu. Dwar dan l-episodju, l-appellant jghid illi Lawrence Grech u siehbu Charles Falzon kienu adulti meta sar l-abbuz fuq David Cassar li kien ghadu tifel, u Grech kien *helper* impjegat u mhallas biex jiehu hsieb dawn it-tfal fl-Istitut. Ikompli jghid l-appellant: "Minn dan l-episodju rrizulta wkoll li Grech ma tantx iddejjaq inezza' u jumilja persuna ta' sess maskili fil-presenza tat-tifla tieghu ta' sentejn, fattur li juri kemm il-kuncetti tieghu ta' principji kattolici u ta' moralita` huma diskutibbli. Ghalhekk l-esponent jinsab perpless fuq l-enfasi li ghamlet il-Qorti dwar ix-xiehda ta' Grech fis-sens li lil din it-tifla la qatt ghannaqha u lanqas biesha u fl-istess waqt tinjora kompletament il-fatt li jnezza' u jumilja tifel sal-punt li bikkieh quddiem l-istess tifla. U dan a parti l-fatt li lit-tifla taha f'idejn lil min suppost abbuza minnu. Forsi li kieku l-Qorti harset daqsxejn izjed lejn il-kontenut tax-xiehda milli lejn il-komportament tieghu, ir-rizultat finali kien ikun ben divers."

**29.** L-appellant jghid ukoll illi skond diversi xhieda, fosthom Fr. Silvio Bezzina, Lawrence Grech kien habib

sew ta’ l-istess appellant. Jghid: “Fr. Bezzina qal li wara li Grech telaq mill-istitut ta’ San Guzepp, xorta baqa’ jmur ta’ spiss hemmhekk u r-raguni principali ghal din kienet proprja l-amicizja kbira li kellu ma’ l-esponent. Irrizulta li kienu gieli johorgu flimkien u anke ltaqghu diversi drabi meta kienu t-tnejn l-Awstralja anke fil-kumpanija tal-familja ta’ l-istess Grech. Addirittura anke kielu flimkien ghand il-kunjata ta’ Grech. Fr. Bezzina qal ukoll li Grech qatt ma ghamel allegazzjonijiet mieghu dwar xi abbuz fil-konfront ta’ l-esponent. L-esponent kien anke ccelebra l-quddiesa tat-tieg ta’ Grech ma’ martu. Naturalment il-bidla minn amicizja li kwazi tista’ ssejhilha straordinarja ghal mibeghda li wasslet lil Grech jaghmel il-krucjata li fil-fatt ghamel tindika karattru kumpless u xejn koerenti. Jinghad bl-akbar rispett li ma huwiex verosimili u m’ghandux mis-sewwa li persuna li suppost ghandha daqshekk akrimonja u attrit fil-konfront ta’ ohra minhabba abbuzi ta’ natura sesswali titlob lill-istess persuna tikkoncelebralha l-quddiesa tat-tieg taghha u tlaqqa’ lil din il-persuna ma’ l-iktar persuni gheziez ghaliha, u cioe` martu u t-tifla tieghu u jippreserva dawn il-memorji ghal posterita` permezz ta’ ritratti. In-nuqqas ta’ koerenza ta’ din il-persuna hija prova inkonfutabbli tan-nuqqas ta’ attendibilita` tieghu bhala xhud.” Skond l-appellant, l-analizi tal-karattru tax-xhud Lawrence Grech moghtija minn John Debattista hija ferm interessanti in kwantu hija indikattiva tal-movent li wassluh sabiex jaghmel l-allegazzjonijiet li fil-fatt ghamel. Jirreferi ghal dak li qal John Debattista, u cioe`: “Lawrence Grech kien ihobb jilghabha tal-vittma u dana ghaliex lili kien jigi jghidli x’ghamlulu shabu u ghid [sic!] lili l-atteggjament quddiemi kien li dejjem ikun irid l-attenzjoni u kien dejjem jilghabha tal-vittma.” Il-komportament ta’ Lawrence Grech mal-*media*, jghid l-appellant, hija l-aqwa prova ta’ l-analizi perfetta ta’ Debattista.

**30.** Mix-xiehda ta’ Lawrence Grech jirrizulta li l-incident ma’ Fr. Marrelit sehh meta kellu bejn hmistax u sittax-il sena, u cioe` wara dak li jghid li gara ma’ l-appellant Pulis. Inoltre kull ma jghid dwar dan l-incident hu li kienu qeghdin jiehdu docca u f’daqqa wahda nfetah il-bieb tad-docca tieghu u Fr. Marrelit dahal gharwien biex, skond hu, jahsillu dahru izda Lawrence Grech jghid li waqaflu. Dwar

"is-Sincier", cahad li dan qatt abbuza minnu sesswalment u cahad li qal lill-appellant li kien telaq mix-xoghol mieghu ghal dik ir-raguni. Dwar li kien hemm tifel iehor li kien jabbuza minnu sesswalment u anke tfal ohra, Lawrence Grech ma jsemmix il-perijodu ta' zmien ghalkemm fir-rigward ta' tifel partikolari jghid illi l-abbuz dam sejjer erba' snin. Din il-Qorti mhijiex sorpriza li seta' kien hemm dan it-tip ta' *bullying* f'*Boys' Home* ghax hija xi haga dokumentata. Accettando, pero`, li kien hemm l-incidenti deskritti minn Lawrence Grech ma' Fr. Conrad u t-*teacher* tal-primarja, kemm jsta' jinghad illi huwa applikabbli l-principju *corrupta non corrumpitur* kif jghid l-appellant?

**31.** Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Ganni Schembri** deciz fil-11 ta' Ottubru 1948, intqal[6]:

**"Veru hu li gie disputat hafna fil-prattika u d-dottrina jekk hijiex legalment ammissibbli l-korruzzjoni ta' persuna ga` korrotta; imma ormai jidher stabbilit (u certament din hi l-opinjoni dejjem segwita mill-Qrati Maltin) illi, anki meta l-minorenni jkun ga` moghti ghall-vizzju, jista' cjo` nonostante jkun hemm ir-reat ta' korruzzjoni, ghaliex hadd ma ghandu l-jedd li jkompli jispingi fuq it-triq tal-vizzju min forsi jista' jitbieghed minnha kieku ma jabbuzawx ulterjorment minnu."**

**32.** Fl-Appell Kriminali **The Police v. Thomas Wiffen** deciz fit-8 ta' Jannar 1996, din il-Qorti[7] irreferiet ghal dak li jghid Francesco Carfora[8] f'dar-rigward:

**"… non bisogna intendere la corruzione fisica nel senso ristretto di manifestazione di corruzione morale mediante atti volontari esteriori compiuti dallo stesso minorenne, ma nel senso di contaminazione fisica anche mediante i soli atti dell'agente, inquantoche` agli effetti dell'art. 355 si ha la figura delittuosa della corruzione di minorenne quando questo abbia solo subito sulla propria persona atti contrari al pudore**

---

[6] Per Imhallef W. Harding.
[7] Per Imhallef V. Degaetano.
[8] Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p. 966.

**capaci di corrompere, anche se da parte sua non abbia corrisposto con altri atti, che costituiscono prova di un'effettiva corruzione, perche`, come gia` abbiamo altrove notato, il legislatore intende a colpire i germi della corruzione gittati dagli atti delittuosi compiuti dall'agente, non in quanto sieno immediatamente sviluppati, ma in quanto possono in un tempo qualunque svilupparsi, e questo ritenne anche la patria giurisprudenza."**

Din il-Qorti hekk diversament presjeduta kompliet tghid f'din is-sentenza:

**"In other words, if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts – for example, because he or she was, to some degree, already depraved – whosoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."**

**33.** Fil-kaz in ezami, dejjem accettando dak li xehed Lawrence Grech, bejn l-allegati incidenti ma' Fr. Conrad u dawk allegati minnu ma' l-appellant ghaddiet sena u forsi aktar. Barra minn hekk, kif xehed Lawrence Grech, ghall-bidu kien jaghmel certi atti fuqu l-appellant (cioe` li l-appellant jimmasturba lil Grech), imbaghad gie zmien meta l-appellant kien igieghel lil Grech jimmasturbah. Jigifieri b'dak li seta' gralu precedentement, ma jistax jinghad illi l-atti sussegwenti li Grech jghid li huwa ssubixxa ma kinux "atti contrari al pudore capaci di corrompere".

**34.** Din il-Qorti trid issa tikkummenta fuq l-episodju fejn Lawrence Grech (flimkien ma' martu) gew mitluba mill-appellant biex jghinuh il-Marfa f'sajf minnhom peress illi kellu bzonn *helper*. Hemm sehh l-incident fejn kien involut David Cassar. Din il-Qorti rat dvd esebit mill-appellant dwar dak li kien jigri l-Marfa. Huwa filmat mehud bil-video-

camera ta’ Lawrence Grech stess. Mid-data li hemm fuq il-filmat jidher li dan kien fis-sajf tas-sena 2000 meta allura Lawrence Grech kellu 28 sena. Fil-post kien ikun hemm nies ta’ etajiet varji u anke t-tfal u zghazagh kienu ta’ etajiet varji. L-atteggjament ta’ Lawrence Grech (li kellu mieghu anke bintu ta’ sentejn) jidher li kien ta’ “wiehed minnhom”, cioe` ta’ wiehed minn dawn it-tfal u zghazagh. Jidher li kien ikun hemm hafna minn dak li bl-Ingliz jissejjah *horseplay*. Sfortunatament l-episodju ta’ David Cassar, ghalkemm deskritt minn xi hadd fl-istess filmat bhala “cajta”, huwa, fil-fehma ta’ din il-Qorti, forma ta’ *bullying*. F’dan l-episodju jidhru tliet zghazagh li jaqbdu lil David Cassar (tnejn minn idejh u wiehed minn siequ tax-xellug) filwaqt illi Lawrence Grech inezza’ l-malja li kien liebes David Cassar sa saqajh. Fil-hin ta’ dan l-incident David Cassar beda jibki u kif telquh qam bil-wieqfa, tella’ l-malja u mar jigri fuq. Ftit wara, pero`, narawh gej liebes flokk ukoll u dahkan, biz-zghazagh l-ohra jcapcpulu.

**35.** L-appellant jirreferi ghal dan l-episodju, *inter alia*, bhala prova li Lawrence Grech gideb. Dan ghaliex waqt kontro-ezami gie mistoqsi jekk qattx zamm, bekka u nezza’ lil David Cassar u wiegeb fin-negattiv. Meta gie muri l-filmat naturalment ma setax aktar jinnega, li kien bekka u nezza’ lill-imsemmi David Cassar kontra l-volonta` tieghu, izda qal li kien nesa dan l-episodju u kieku kien jaf ghal xiex kienet qed tirreferi d-difiza …. Forsi aktar interessanti, pero`, huma dawn l-osservazzjonijiet li ghamel wara li kien ra l-filmat u b’risposta ghal xi mistoqsijiet tad-difiza: “Jekk jien hekk mghallem, nigu f’hekk” u “Qatt ma abbuzajtu.” Ma jidhirx li din kienet l-ewwel darba li grat xi haga simili u, filwaqt illi din il-Qorti assolutament ma tistax tikkondona tali agir, anzi tikkundannah, jidher li ghal min kien qieghed jaghmel hekk kienet xi haga normali. Certament mhuwiex ezempju sabih ghal tifla ta’ sentejn.

**36.** L-appellant jipprova juri li Lawrence Grech huwa giddieb minhabba illi filwaqt illi meta xehed quddiem l-ewwel Qorti huwa qal li lit-tifla tieghu qatt ma ghannaqha u lanqas biesha “ghax dan dejjem nahseb li sejjer nabbuzaha”, fid-dvd imsemmi li rat din il-Qorti hemm part

fejn jidher l-istess Lawrence Grech qiegħed jerfa' għal xi hin lit-tifla tiegħu. Allura dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti hi gidba assoluta, jew tirreferi għall-biza' innata li kellu? Din il-Qorti tissuspetta illi fl-okkazjoni tal-filmat jidher qiegħed jerfa' lit-tifla għax hemm kien imdawwar minn nies oħrajn u allura ma setax ikollu dik il-biza'.

**37.** Quddiem din il-Qorti l-appellant ipprezenta kopji ta' kitbiet minn fuq il-blog li kellu Lou Bondi fejn indika ħames istanzi li fihom Lawrence Grech gideb. Lou Bondi xehed quddiem din il-Qorti u kkonferma solennement il-kontenut ta' dawn il-kitbiet. L-appellant isostni illi dan ikompli juri li Lawrence Grech huwa giddieb u bħalma gideb f'dawn l-istanzi allura gideb qabel. Il-"gideb" li jirreferi għalih Lou Bondi huwa principalment dwar kif kellhom jimxu l-affarijiet wara li ngħatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u mhux dwar is-sustanza tal-kaz. Dwar dak li l-appellant isejjaħlu "gideb" ta' meta xehed Lawrence Grech, din il-Qorti diga` kkummentat u m'għandhiex għalfejn tiddilunga aktar.

**38.** Bħalma diga` accennat aktar qabel din il-Qorti, l-appellant isostni li dan il-process huwa rizultat ta' kongura mmexxija minn Lawrence Grech. Din il-Qorti ssaqsi: Għaliex? X'ragunijiet hemm li jistgħu jwasslu lil din il-Qorti temmen din it-teorija tal-kongura? Gew suggeriti xi ragunijiet mill-appellant, bħalma huma l-mibegħda lejn il-Knisja jew il-kleru u r-regħba għall-flus. Izda huma dawn ragunijiet sufficjenti biex igegħlu lil din il-Qorti temmen illi dawn il-persuni kienu lesti joħorgu fil-pubbliku u jagħmlu sensiela ta' allegazzjonijiet illi normalment vittma tipprova ma tippubblicizzax? Intqal li Lawrence Grech iħobb jidher u jilgħabha tal-vittma. U l-oħrajn? L-appellant Pulis kien persuna li jgħin lit-tfal, jaqbez għalihom, u kien jitqies bħala missier. Forsi sahansitra l-aktar wieħed li għen, anke finanzjarjament, kien proprju lil Lawrence Grech. Jista' allura jitwemmen illi wara dik l-għajnuna – u anke, skond ma jgħidu uħud, trattament preferenzjali – se jagħmel kongura kontra l-appellant bazata fuq il-gideb? Ta' min jgħid f'dan l-istadju illi kollox jidher li beda wara li Lawrence Grech sar jaf bil-kaz ta' David Cassar, cioe` li kien hemm allegazzjoni ta' korruzzjoni ta' l-imsemmi

Cassar mill-istess appellant. U hemm, hu u ohrajn iddecidew li jitkellmu. Kien hemm minnhom[9] li qalu li tkellmu wara li raw il-programm Bondiplus dwar dan is-suggett.

**39.** Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra dak li l-appellant jghid dwar Leonard Camilleri. L-appellant jghid illi huwa interessanti ferm illi l-istorja tat-tfulija u z-zghozija ta' Camilleri hija, skond l-istess Camilleri, wahda ta' kull tip u forma ta' abbuz. Jghid: "Jghidilna li meta kien ghadu residenti fl-Istitut ta' Fra Diegu kien hemm soru, certa Sister Marianne, li kienet aggressiva mieghu u li kienet ittih il-kalmanti! Imbaghad, wara li kien ilu biss erba' gimghat fl-Istitut ta' San Guzepp, tfacca certu Fr. Conrad li spicca jerda' lix-xhud. Zmien wara, tfacca wkoll certu Fr. Mark li nizzillu z-zip tal-qalziet. Naturalment ma' dawn jistghu jizdiedu l-allegati abbuzi miz-zewg esponenti [l-appellant Pulis u l-appellant Scerri] u wkoll minn Br. Bonett [ko-imputat li miet fil-mori tal-kawza]. Ix-xhud jghidilna li ghalkemm kien tkellem fuq l-abbuzi ta' Fr. Conrad ma' Fr. Tomlin, ghal xi raguni inspjegabbli qatt ma tkellem dwar l-allegazzjonijiet li ghamel diversi snin wara fuq l-esponent u, del resto, dwar l-allegazzjonijiet li ghamel fuq Fr. Scerri u Br. Bonett." Jghid li fil-kaz ta' Leonard Camilleri, li kieku din l-immaginazzjoni kellha tigi trasferita fir-realta`, ghandha tapplika d-difiza *corrupta non corrumpitur*.

**40.** Hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal *supra* (para. 31 u 32) dwar id-difiza ta' *corrupta non corrumpitur*. Minn dak li xehed Leonard Camilleri, dak li seta' gara meta kien fl-Istitut ta' Fra Diegu certament mhuwiex abbuz sesswali. Dwar Fr. Conrad jghid biss li f'okkazjoni wahda dan Fr. Conrad kien dahhal ilsienu f'halqu. Dwar Fr. Mark kull ma jghid hu li dan f'okkazjoni minnhom beda jmellsu u nizzillu z-zip tal-qalziet, ix-xhud inhasad, Fr. Mark sar ahmar nar, qallu "qisu ma gara xejn" u telaq 'l hemm. Kif jista' l-appellant jippretendi illi b'dawn l-incidenti, Leonard Camilleri kien fi stat ta' depravazzjoni tali li ma setax jigi aktar korrott? Jigifieri b'dak li seta' gralu precedentement,

[9] Raymond Azzopardi, Angelo Spiteri u Oliver Goodrum.

ma jistax jinghad illi l-atti sussegwenti li Camilleri jghid li huwa ssubixxa ma kinux *"atti contrari al pudore capaci di corrompere"*.

**41.** L-appellant ikompli jghid dwar Leonard Camilleri illi dan ix-xhud igiddeb lilu nnifsu meta jghid li l-ewwel *Father* li pprova jimmasturbalu l-parti tieghu kien Fr. Mark meta pprova nizzillu z-zip. Skond l-appellant, "bilkemm hemm ghalfejn jinghad li li tnizzel iz-zip u li timmasturba lil xi hadd huma affarijiet ferm differenti. L-ekwiparazzjoni ta' dawn iz-zewg azzjonijiet hija prova inkonfutabbli ta' l-immaginazzjoni fertili ta' Camilleri. Dan qed jinghad naturalment a parti l-fatt li x-xhud ikkonferma darba darbtejn li l-ewwel abbuz ta' natura sesswali minnu allegatament sofferta saret minn Fr. Conrad u mhux minn Fr. Mark."

**42.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li qieghed hawn jissottometti l-appellant. L-ewwelnett Lawrence Grech ma jghidx li Fr. Conrad immasturbah izda li dahhallu lsienu f'halqu. Barra minn hekk meta qal li Fr. Mark ipprova jimmasturbah, apparti li Camilleri seta' kien qieghed jitkellem *with hindsight*, certament ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn l-imsemmi Fr. Mark kellu jnizzillu z-zip meta x-xhud kien qieghed semplicement jara t-television.

**43.** L-appellant jghid ukoll illi Leonard Camilleri qal li kien fetah qalbu ma' certa Maria Carm Grima dwar swat u abbuzi sesswali izda din kisritu u qaltlu li ma riedet tisma' xejn ghax hi kellha l-problemi taghha. Maria Carm Grima cahdet dan kollu b'mod kategoriku.

**44.** Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda ta' Maria Carm Grima u fiha hija cahdet illi Leonard Camilleri qatt qallha li kemm dam l-Istitut ta' San Guzepp kien gie msawwat minn xi patrijet jew inkella kien gie abbuzat sesswalment minn xi patrijiet. Qalet li kien jghidilha kemm ihobbuh il-*fathers* u kemm kien ihobbu l-appellant. Cahdet ukoll li kienet kisritu meta kien se jiftah qalbu maghha. Mix-xiehda li ta Leonard Camilleri, pero`, ma jirrizultax illi hu qatt semma abbuzi sesswali ma' Maria Carm Grima. Difatti jghid: "Nghid illi meta mbaghad jien tlaqt minn San Guzepp u

jiena mort nghix ghand din Maria Carm tar-Rabat, u din kont ser niftah qalbi maghha ghax kont naqra mdejjaq dwar il-kwistjoni li kont sofrejt, kemm swat kif ukoll abbuzi sesswali, dina kienet kisritni, fis-sens li kienet qaltli li hi ma riedet tisma' xejn ghax hi kellha l-problemi taghha. Jiena lil din Maria Carm kont nibdilha bil-mod fis-sens illi kont ser nibda fuq il-kwistjoni tas-swat, li jien kont diga` qabel meta kont izghar kont semmejtilha s-swat ta' meta kont izghar. Kont diga` ghidtilha qabel. Pero' mbaghad kif inkun ser nigi biex nipprova napprowcja, biex nghidilha fuq l-abbuz sesswali, din kienet kisritni. Nikkonferma illi jiena lil din Maria Carm, kont ilhaqt ghidtilha biss dwar kliem rigwardanti swat meta kisritni." Ghalhekk Leonard Camilleri ma jistax jitqies giddieb minhabba xi haga li kellu l-intenzjoni li jghid u ma qalhiex. Ghalhekk kisritux jew le Maria Carm Grima huwa rrilevanti.

**45.** L-appellant jghid ukoll illi l-karattru difficli u erratiku ta' Camilleri johrog car mix-xiehda tieghu stess fejn jispjega c-cirkostanzi li wasslu lill-*employer* tieghu jgieghluh jiffirma karta sabiex ma jergax jersaqlu lejn il-post tax-xoghol. Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda ta' Leonard Camilleri f'dar-rigward u frankament ma ssib xejn x'jissuffraga dak li qieghed jghid l-appellant. Anzi turi reazzjoni mhux mistennija fuq il-post tax-xoghol wara li kien sar il-programm Bondiplus. Leonard Camilleri jghid: "Jiena domt nahdem ma dan il-*printer* ghal hdax-il (11) sena. Nghid, stante li mbaghad kienet harget fil-berah, fil-*media* l-kwistjoni dwar il-mertu ta' din il-kaz, impjegati li kienu jahdmu mieghi ghand dana l-*printer*, lili kienu jghajjruni u ghaldaqstant, nixtieq nghid illi jiena mbaghad spiccajt minn dan ix-xoghol tal-*printer* ghaliex gurnata minnhom kelli argument ma sid il-*printing* u nghid illi f'dan l-argument, dana s-sid tal-*printing* kien qalli li hu ser jifthali rasi ktieb u jien ghidtlu li jekk hu jtini daqqa, jien naghtih tlieta (3). Jiena pero' wara dan l-incident xorta bqajt nahdem mieghu, pero` mbaghad dan beda jaqbad mieghi fix-xejn. Gurnata minnhom, sid il-*printing* staqsieni jekk jien kontx iddejjaqt hemm hekk u ghidtlu li iva. Hu qalli biex niffirma karta li jiena din il-karta ffirmajtha bla ma qrajtha u mbaghad qalli biex jiena 'l hemmhekk ma nergax

nersaq u jiena ’l hemmhekk ma ergajtx mort. Dana sehh wara l-programm ta’ BondiPlus.”

**46.** L-appellant jghid illi dak kollu minnu sottomess, abbinat ma’ odju car ghall-membri tal-kleru, jaghmel lil Leonard Camilleri xhud mhux attendibbli. Skond l-appellant mhuwiex verosimili illi persuna tigi abbuzata sesswalment minn hames persuni f’okkazjonijiet diversi daqs kemm ma huwiex attendibbli li tifel ta’ inqas minn ghaxar snin jinghata kalmanti ad insaputa tieghu minn soru.

**47.** Min ghandu tfal zghar jaf illi mezz kultant adoperat biex jigu perswazi jiehdu xi pilloli huwa billi tirreferi ghalihom bhala helu. Kwantu ghall-fatt illi seta’ gie abbuzat minn hames persuni differenti, apparti li l-abbuzi li Leonard Camilleri jsemmi huma differenti, sehhew, dejjem skond ix-xiehda tieghu, f’cirkostanzi differenti. Dwar dak li jsostni li Camilleri ghandu odju ghall-membri tal-kleru, minn ezami tax-xiehda tieghu tohrog dieqa minhabba l-esperjenzi li jghid li ghadda minnhom. Din il-Qorti jkollha tikkummenta wkoll illi kemm Leonard Camilleri kif ukoll Lawrence Grech isemmu *fathers* ohrajn li gew f’kuntatt maghhom tul is-snin u li dwarhom ma jirrakkontaw xejn hazin.

**48.** L-appellant imbaghad jghaddi biex jitkellem fuq David Cassar. Jghid li ma jistax jifhem kif ghadhom ma ttehdux proceduri kontra tieghu ghal spergur. Jghid li, bhal fil-kazijiet l-ohra, jidher li saret wisq enfasi fuq il-komportament ta’ Cassar fuq il-pedana tax-xhieda u ma saritx evalwazzjoni tal-kontenut tax-xiehda tieghu. L-appellant jirreferi l-ewwelnett ghax-xiehda tal-*care worker* Anthony Catania dwar l-incident ta’ l-10 ta’ Lulju 2003 fejn jghid li ghall-habta ta’ 11.45 p.m. huwa ttawwal fil-kamra ta’ l-appellant u hemmhekk sabu mimdud fuq is-sodda u dan kellu l-parti tieghu eretta u hierga mill-*boxer shorts* tieghu. Dak il-hin Cassar kien ukoll fil-kamra. Catania rrapporta dan l-akkadut. L-appellant ikompli jghid:

“Illi fix-xiehda tieghu Anthony Catania qal li l-bieb tal-kamra ta’ l-esponent kien miftuh. Hu semghu jghid lil

Cassar ‘x’inti fitt’ (fol. 125). Fr. Silvio Bezzina fil-fatt ikkonferma li David Cassar huwa bniedem fitt li jhobb jilghab bl-idejn u jhobb ifittex l-affezzjoni mill-adulti (fol. 449).

“Illi ta’ min jinnota wkoll li John Debattista xehed b’dan il-mod dwar il-kamra ta’ l-esponent:

“‘Nghid illi l-kamra ta’ Father Carmelo Pulis il-bieb tieghu qatt ma kien ikun maghluq u ma kellu privat ta’ xejn. Kienet qisha kazin. Nghid illi fil-fatt dan Father Carmelo Pulis dejjem il-kamra tieghu kien ikollu corma tfal min iqieghed bilqeghda fuq is-sodda, min fuq is-siggu u allura dan prattikament kien jispicca li ma kien jistrieh qatt.’

“Illi waqt il-proceduri quddiem il-Qorti Cassar elabora bil-kbir fuq dan l-akkadut. Catania bl-ebda mod, u dan nonostante li dahal ghall-gharrieda fil-kamra, ma jikkorrobora dak li jghid Cassar. Anzi Catania jghid li Cassar kien liebes qalziet twil u t-shirt. Ir-rapport ta’ Catania wasal quddiem il-Kurja u ttiehdu l-passi kontra l-esponent. David Cassar xehed quddiem il-Kurja u qal li ma kien gara xejn dakinhar. Dana wassal biex l-esponent jigi lliberat mill-akkuzi kontrih. David Cassar qal lil Catania l-ghada stess meta baghat ghalih fil-privat li ma gara xejn il-lejl ta’ qabel. Catania xehed ukoll li Cassar kien sorpriz meta ra l-pene eretta ta’ l-esponent u fil-fatt ipponta lejha u ccajta mieghu. Kieku kien qed isir xi abbuz ta’ natura sesswali l-atmosfera kienet tkun ferm differenti. Ciononostante, ftit zmien wara Cassar biddel il-verzjoni tieghu u rega’ xehed quddiem il-Kurja u ghamel l-istess allegazzjonijiet li ghamel quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Irrizulta mill-provi li Cassar biddel il-verzjoni tieghu wara li ltaqa’ ma’ Lawrence Grech. Hawnhekk gja` tohrog stampa cara ta’ persuna li ghaliha l-verita` hija biss relattiva. Dan Cassar, bla ebda problemi ta’ xejn, ta zewg verzjonijiet djametrikament opposti. L-attendibilita` ta’ dan ix-xhud hija prekarja immens.

“Illi l-gideb ta’ dan ix-xhud, pero`, ma jiqafx hawnhekk ghaliex Cassar kwazi jahtaf kull okkazjoni possibbli sabiex jistorpja l-verita`. Mistoqsi in kontro-ezami jekk qattx gie

mizmum bil-forza, imnezza’ u mbikki minn Lawrence Grech, ghall-ewwel irrisponda fin-negattiv. Kien biss meta gie konfrontat b’video ta’ l-akkadut li kellu jissokkombi ghall-verita` inkontestabbli jew, ahjar, gie f’posizzjoni meta ma seta’ b’xejn jibqa’ jahbi l-agir barbaru ta’ Lawrence Grech u jimminimizza l-akkadut u jipprotegi lil dan Grech. Interessanti wkoll li wiehed mill-persuni li ghen lil Grech fl-abbuz kontra Cassar kien proprju Charles Falzon, wiehed mill-*parte civile* u ko-akkuzat ma’ Grech f’kawza ta’ rapport falz!

“Illi l-istess Anthony Catania qal minghajr mezzi termini li David Cassar kien qed jigdeb. Ta’ min ifakkar hawnhekk li Anthony Catania ma huwiex xhud tad-difiza imma huwa x-xhud li ghamel l-ewwel rapport fil-konfront ta’ l-esponent. Catania huwa certament xhud imparzjali tant li mhux biss ghamel ir-rapport fil-konfront ta’ l-esponent izda addirittura, meta Cassar biddel il-verzjoni tieghu (ir-raguni minnu moghtija ghal dan il-kambjament tant hi assurda li lanqas timmerita kumment), kien hu li rega’ qajjem il-kaz quddiem il-Kurja. Certament dan ma huwiex xhud li qed jipprova jistorpja l-fatt kif qed jipprova jaghmel Cassar sabiex javalla t-tezi skwallida ta’ Lawrence Grech.

“Illi, b’referenza ghall-programm BondiPlus, Anthony Catania qal hekk:

“‘Jien kont dispjacut ghax dak li qal David f’dik ic-cirkostanza kien gideb. Hawnhekk nixtieq nispjega li dan David kien gideb fil-konfront tieghi fis-sens li mhux minnu dak li qal fit-televizjoni illi lili dakinhar filghaxija li kont skoprejtu ma’ Fr. Pulis fil-kamra tieghu hu wara gie jghidli li hu kien gie abbuzat minn Fr. Pulis. Fil-fatt nghid li lili dakinhar filghaxija dan David lili dan id-diskors ma kienx qaluli. Mentri li fil-programm hu qal li hu filghaxija dan id-diskors kien qaluli. B’dan ghalhekk jien hassejtni urtat.’

“Illi David Cassar huwa xhud li bena storja fuq ix-xejn bl-ghan principali li jikkuntenta lill-persuna li kien qieghed jahdem mieghu, u cioe` lil Lawrence Grech. Il-gideb kostanti ta’ dan ix-xhud, fl-areni kollha li sab ruhu fihom –

Qorti, kurja u televizjoni – jwasslu biss ghall-konkluzjoni li dak li qal ghandu jigi skartat.”

**49.** Tajjeb hawn li din il-Qorti tfakkar li xhud jista’ jigi emmnut f’kollox, jista’ ma jigi emmnut f’xejn, u jista’ jigi emmnut in parti u in parti le. Fir-rigward ta’ David Cassar m’hemmx dubju li ma jistghux ikunu veri z-zewg verzjonijiet, u cioe` l-ewwel verzjoni li ta lid-dirigenti ta’ Dar San Guzepp u fil-Kurja kif ukoll il-verzjoni sussegwenti. Issa, dak li ta lok ghall-investigazzjoni fil-konfront ta’ l-appellant Pulis quddiem id-Delegat tal-Konferenzi ta’ l-Isqfijiet u tas-Superjuri Magguri ghall-Investigazzjoni ta’ Allegazzjonijiet ta’ Abbuzi Sesswali minn Funzjonarji Pastorali u r-Response Team tal-Knisja kien ir-rapport li ghamel Anthony Catania dwar dak li osserva fl-10 ta’ Lulju 2003. Bir-rizultat ta’ l-ewwel investigazzjoni d-Delegat u r-Response Team kkonkludew li ma tirrizultax il-probabilita` ta’ l-abbuz allegat. Fil-15 ta’ Settembru 2003, pero`, David Cassar avvicina lil Anthony Catania u qallu li hu kien gie abbuzat u mhedded minn Fr. Pulis u li x-xiehda li kien ta fil-Kurja kienet falza. Fis-17 ta’ Settembru 2003 kellu laqgha mal-psikologa Maria Farrugia, iddiskuta l-istorja kollha bejnu u David Cassar u dak li David Cassar kien qallu jumejn qabel, u t-tnejn qablu li David Cassar kellu bzonn trattament psikologiku. L-ghada nforma lid-direttur Fr. Silvio Bezzina, u dan qabel mieghu. Anthony Catania qal li tkellem ma’ David Cassar, u dan Cassar qabel li jibda kura psikologika u beda xi jumejn wara. Kien fit-30 ta’ Settembru 2003 li kien hemm il-programm BondiPlus u tkellem fuq dak il-programm David Cassar.

**50.** Fr. Silvio Bezzina xehed illi wara xi zmien kien innota li David Cassar kien inkwetat u *upset* hafna u saqsieh jekk kienx gara xi haga. David Cassar qallu li in kwantu dak li kien qal lil Fr. Bezzina qabel, ma kienx qal il-verita`, u lanqas lir-Response Team ma kien qal il-verita`. Ghalhekk Fr. Bezzina talab lir-Response Team biex jergghu jinvestigaw il-kaz.

**51.** Xehed ukoll Fr. Frankie Cini fis-sens li David Cassar kien kelmu u qallu li ma kienx qal il-verita` meta xehed l-ewwel darba quddiem ir-Response Team.

**52.** Mix-xiehda ta’ Lawrence Grech ma jidhirx illi David Cassar kien impjegat regolarment mieghu izda kien iqabbdu xi bicca xoghol ta’ tindif kultant meta dan Cassar kien ghadu l-Istitut (Grech jghid li qabbdu xi tlieta sa hames darbiet). Qal li wara li Cassar hareg, qabbdu xi darba jew tnejn jahsillu l-van. Da parti tieghu Cassar jikkonferma illi meta kien jahdem ma’ Lawrence Grech kien ghadu l-Istitut. Mistoqsi x’kien jaghmel jghid li kien jahsel il-van. Pero` aktar ’il quddiem semma li darba marru ghand wahda jahslulha s-sufani u t-tapiti. Mela Cassar ma kienx impjegat ma’ Lawrence Grech. Huwa minnu illi jidher li biddel il-verzjoni tieghu wara li kien iltaqa’ ma’ Lawrence Grech, izda dan allura jfisser necessarjament kif donnu jippretendi l-appellant, illi kien Grech li poggielu l-kliem f’halqu u qallu x’ghandu xi jghid? Din il-Qorti aktar ittendi li tghid li meta Fr. Silvio Bezzina kien qieghed jara lil Cassar inkwetat, dan kien ghax Cassar kien qieghed jipprova jiddeciedi ghandux jibqa’ jsostni l-ewwel verzjoni li kien ta jew ghandux jirrakkonta dak li, skond hu, verament gara.

**53.** Issa, din il-Qorti temmen illi Anthony Catania huwa verament xhud imparzjali u huwa kredibbli. Ghalhekk ma tiskantax li hass ruhu urtat meta sema’ lil David Cassar jghid fuq programm televiziv li kien dakinhar stess ta’ l-akkadut li kien qallu li kien gie abbuzat. Izda dan ifisser illi David Cassar qieghed jigdeb fuq kollox? Kontradizzjoni apparenti li ssenjalat id-difiza hija dwar x’kien liebes dakinhar l-imsemmi Cassar. Pero`, filwaqt illi Cassar jghid li mar fil-kamra ta’ l-appellant Pulis bil-*boxer shorts*, Anthony Catania jghid: “<u>jidhirli</u> kien liebes qalziet twil u t-shirt” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Mela fir-rigward ta’ Anthony Catania m’hemmx certezza assoluta dwar x’kien liebes Cassar.

**54.** Fix-xiehda tieghu in kontro-ezami, David Cassar gie mistoqsi jekk kienx mar biex jaghmel “qliba” ma’ l-appellant Pulis u wiegeb li hu minn dejjem kien imur jaghmel qliba ma’ l-appellant Pulis. Dakinhar mar biex jaghmel “qliba” biex jiccajta mieghu u f’daqqa wahda sabu bil-pene barra. Din il-Qorti taqbel ma’ l-osservazzjoni tad-

difiza illi, minhabba illi David Cassar mar jaqbez fuq l-appellant Pulis, peress illi l-appellant kien liebes *boxer shorts*, il-pene seta' hariglu minn quddiem. Dan, pero`, ma jispjegax kif il-pene kien erett.

**55.** Kwantu ghal dak li gara l-Marfa, din il-Qorti diga` ghamlet numru ta' osservazzjonijiet (*supra* a para. 34 u 35). Huwa veru illi anke fir-rigward ta' David Cassar dan ghall-bidu nnega li Lawrence Grech qatt nezzghu, jew zammu bil-forza jew bekkieh, u li wara li kien ra d-dvd fuq imsemmi kkonferma li kien hu l-persuna li nzamm, tbekka u tnezza', izda qal ukoll li dak il-video kien insieh, u li huwa bla sens, li hu kien mar il-Qorti biex jixhed fuq l-abbuz, u li dak li ghamlu ghamluh biex jiccajtaw mieghu. Naturalment, dak il-hin ma tantx jidher li hadha bhala cajta peress illi beda jirrezisti u jibki, izda wara, kif diga` gie osservat qabel, irritorna dahkan. Din il-Qorti mill-gdid ittenni li dak l-agir huwa kundannabbli, izda tifhem ukoll illi ghal Cassar dak kien incident li gie u mar u ma baqax jhewden fuqu.

**56.** B'referenza ghal dak li l-appellant jghid dwar li fid-dvd jidher Charles Falzon, wiehed mill-*parte civile*, qieghed jghin lil Lawrence Grech, u li dawn huma ko-akkuzati f'kawza ta' rapport falz, din il-Qorti jkollha tosserva illi l-unici provi li ngabu kienu li hemm dawn il-proceduri pendenti u ma ngabet l-ebda prova jekk xi hadd minnhom instabx hati jew le.

**57.** Dwar Oliver Goodrum l-appellant jghid li wara li dan ix-xhud spjega l-allegazzjonijiet li ghamel fuqu u fuq l-appellant Scerri, huwa qal testwalment: "Jien <u>hassejt</u> li dawn l-affarijiet graw fuqi vera". Mela, jghid l-appellant, ix-xhud lanqas ma huwa cert, *multo magis* kemm ghandha tistrieh fuqu l-Qorti. Ikompli l-appellant:

"Illi in kontro-ezami x-xhud qal li 'il-qassisin kienu jigu fil-kmamar taghna t-tfal jew biex isikktu lit-tfal li kienu jghajtu u jaghmlu storbju jew inkella biex ibaghbsu lilna t-tfal'. Il-kwalita` tax-xiehda tieghu turi li ma tista' tinghata ebda attendibilita` bhalma del resto lanqas il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda. Bizzejjed jinghad li wara li

jitkellem diversi drabi dwar abbuzi min qassisin, huwa jghid li gieli mar jirrapporta ghand l-esponent (*sic!*). Mela min qed jigi abbuzat imur jirrapporta ghand min qed jabbuzah? Huwa wkoll interessanti l-fatt li Goodrum jghid li qatt ma ta rigali lill-patrijiet bl-eccezzjoni ta’ l-esponent. Dan jaf x’qed jghid?

“Illi a parti l-inkonsistenzi fix-xiehda tieghu, dan ix-xhud inqabad ukoll jigdeb diversi drabi. Ta’ min jinnota li x-xiehda tieghu hija *tailor-made* biex tinkrimina lill-allura tliet (illum tnejn) imputati. L-allegazzjonijiet tieghu dwar Br. Bonett huma prova ulterjuri ta’ l-inattendibilita` tax-xhud. Goodrum qal li Br. Bonett kien jabbuza minnu fil-bahar fil-Marfa. Irrizulta li, a parti li Br. Bonett ma kienx jaf jghum, Br. Bonett lanqas kien tela’ l-Marfa fis-sjuf minnu originarjament indikati. Dan il-fatt gie addirittura accettat minnu stess li jghid lakonikament li ha zball. Mhux hekk! Jinghad bl-akbar rispett li jekk ix-xiehda tieghu tghaddi mill-gharbiel tad-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-kredibilita` tax-xhieda, allura verament jghaddi kollox u forsi wasal iz-zmien li l-artikoli 104 sa 108 tal-Kodici Kriminali jigu abrogati!”

**58.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xiehda li ta Oliver Goodrum quddiem l-ewwel Qorti. M’hemmx dubju li x-xiehda tieghu trid tittiehed b’certa cirkospezzjoni. Ir-raguni hi li naraw fix-xiehda tieghu numru ta’ kontradizzjonijiet. Filwaqt illi fl-ezami jixhed b’mod specifiku dwar iz-zewg appellanti f’din il-kawza, id-darbtejn li xehed in kontro-ezami izid id-doza billi anke jitkellem b’mod generiku dwar dak li, skond ix-xhud, kien jigri fl-Istitut u anke billi qal li kien vittma ta’ abbuz sesswali anke waqt il-*breakfast*, u fil-kuridur hu u sejjer ghall-iskola, u dan minghajr ma jghid min suppost wettaq tali abbuz. Mill-gdid din il-Qorti ttenni li xhud jista’ jitwemmen f’kollox, jew f’xejn, jew jitwemmen in parti u ma jitwemminx in parti. Difatti din il-Qorti tosserva illi kien Oliver Goodrum li ha l-ewwel pass biex jaghmel kuntatt ma’ Lawrence Grech wara li kien rah fuq it-televizjoni. Barra minn hekk, meta l-imsemmi Goodrum fix-xiehda tieghu tad-29 ta’ Ottubru 2003 jghid “<u>hassejt</u> li dawn l-affarijiet graw fuqi vera” (sottolinear ta’ din il-Qorti), dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti, seta’ kien mod ta’ kif kien jaf

jesprimi ruhu. Ghax huwa sinjifikanti hafna l-kumment tieghu immedjatament wara: “Nghid li jien minn qassis izjed ma stennejtx dak li grali” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

**59.** L-appellant jirreferi ghal Jason Camilleri u jghid li dan ix-xhud qatt ma qal li gie b’xi mod abbuzat mill-appellant Pulis. Jitkellem biss fuq certa kunfidenzi li bl-ebda mod ma jirrazentaw ir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni. Izda l-ewwel Qorti xorta sabet lill-appellant Pulis hati ta’ dan ir-reat. L-appellant Pulis jghid li Jason Camilleri kien xehed li cempel lill-appellant l-Awstralja biex jinfurmah li kellu tarbija u anke li kien talab lill-istess appellant biex ikun ic-celebrant taz-zwieg tieghu. L-appellant Pulis isostni li “ghalkemm jidher car li dan ix-xhud gie xprunat biex jixhed kontra l-esponent bhalma ghamlu ‘shabu’ l-ohra, hu ma felahx jigdeb u sab triq tan-nofs komda billi ghamel allegazzjonijiet biss fuq haddiehor. Pero` xorta wahda l-Qorti ghaddiet biex issib htija nonostante l-assenza totali ta’ referenza da parti tieghu ghall-*atti di libidine*.”

**60.** Dwar l-appellant Pulis, Jason Camilleri jghid li meta kellu xi hdax-il sena u nofs, u kien ikun fit-tv room, dan kien imur jghannqu u jbusu, jigdmu u jaqbad jilaghblu man-*nipple*. Jghid li din grat aktar minn darba. Skond dan Jason Camilleri, meta kellu erbatax-il sena ma’ l-appellant Pulis qatt ma hassu li kien *safe* mieghu minhabba dak li kien jaghmillu u minhabba l-istejjer li kien jisma’ minghand shabu. Meta kien fil-grupp tal-kbar, l-appellant kien imur fil-kamra tieghu biex iqajjmu “u kien jigi jbusni u jdellek u jien kont nghidlu x’riha tinten ghandu u nimbuttah u spiccajt li jien kont naghmel il-*lock* biex hu ma jidhollix fil-kamra.” Filwaqt illi Jason Camilleri jghid illi huwa kien talab lill-appellant biex jiccelebralu z-zwieg ghax xtaq “ikompli t-tradizzjoni”, u anke cempillu l-Awstralja meta kellu tarbija, jghid ukoll: “Nixtieq hawn nghid illi ahna, li konna fl-istitut dejjem xtaqna illi ahna nzommu l-affarijiet go fina, b’mod li qisu qatt ma gara. Pero`, dana xorta kien jaffettwana.”

**61.** Dwar jekk dak li Jason Camilleri jghid li ghamillu l-appellant Pulis jammontax ghal korruzzjoni ta’ minorenni jew ghar-reat kompriz u involut ta’ attentat vjolenti ghall-

pudur jew ghal ebda reat, din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Micallef** deciz fit-13 ta' Novembru 1998:

**"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud* (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tezamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet *The Police v. Thomas Wiffen*. F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista Francesco Carfora, li:**

**"'Atti di libidine … debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine …. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attriburi loro il carattere di atti di libidine … noi rileveremeo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali <u>e di unha certa entita` e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali</u>' (Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967, sottolinear tal-Qorti).**

**"Il-Qorti m'ghandhiex dubju li, taht certi cirkostanzi, li wiehed imiss is-sider ta' tfajla jista' jammonta ghal att ta' libidini. Fil-kaz ta' *Wiffen*, is-suggett attiv (missier il-minorenni) kien ta' spiss imiss is-sider ta' bintu taht it-tnax-il sena, kif ukoll xi mindaqqiet il-partijiet privati taghha (pero` dejjem minn fuq il-hwejjeg) filwaqt li kien jghidilha biex thallih jaghmel hekk sabiex ikun jista' jissodisfa l-gibdiet sesswali tieghu. F'dak il-kaz din il-Qorti kienet minghajr l-icken ezitazzjoni sabet li**

**kien hemm atti ta' libidini fis-sens tal-ligi taghna. Mill-banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza *Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud* [Vol. XXXIX.iv.931]:**

**"'Ghandu jigi … osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appuntu minhabba mhux biss il-kliem "att ta' libidini", imma anke stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera perikoluza tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-progett tal-Kodici Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), ghadha tigi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore".**

**"Fi kliem iehor, l-istess att jista' jammonta biss ghal att leziv tal-pudur ta' dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru certi cirkostanzi li jaghmluh hekk, dak l-att ikun att ta' libidini. Il-ligi taghna tikkontempla li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur jista' jigi kommess anke fuq minorenni, kif jista' jigi kjarament desunt kemm mill-fatt li l-*proviso* tal-Artikolu 207 taghmel referenza ghall-paragrafu (g) tal-Artikolu 202 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll mill-Artikolu 201(a) tal-istess Kodici. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta li kull att leziv tal-pudur ta' minorenni jammonta awtomatikament jew necessarjament ghal att ta' libidini."**

**62.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-tokkamenti li rrefera ghalihom Jason Camilleri ma jammontawx ghal *atti di libidine* ghax kienu nieqsa mill-potenzjalita` korruttrici. Pero` xorta wasslu biex jilledu s-sens ta' pudur ta' l-imsemmi Jason Camilleri tant li jghid li beza' li l-kunfidenza li rega' beda juri mieghu l-appellant Pulis meta kien mal-grupp tal-kbar kien se jwassal ghal aktar minn hekk. Bhal fil-kaz precitat, l-appellant ma jistax jippretendi li dak li ghamel ma jammontax ghal attentat vjolent ghall-pudur. Il-ligi taghna tipprovdi li kull attentat ghall-pudur jitqies bhala vjolent meta jsir fuq persuna taht l-eta` ta' tnax-il sena (Art. 201(a), Kap. 9).

**63.** Stabbilit li r-reat hawn in kwistjoni huwa dak ta' attentat vjolent ghall-pudur, u li dan sehh meta Jason

Camilleri kellu hdax-il sena u nofs – il-bews li jirreferi ghalih ta’ meta kellu erbatax-il sena zgur ma jistax jitqies bhala attentat vjolent ghall-pudur – irid jigi determinat fl-ewwel lok liem’hi l-piena applikabbli. Il-piena in effetti hi ta’ prigunerija minn tliet xhur sa sena skond l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li tizdied bi grad skond l-artikolu 202(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal hames xhur sa tmintax-il xahar. B’zieda ta’ zewg gradi bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9, il-piena massima titla’ ghal tliet snin. Il-perijodu preskrittiv fir-rigward ta’ dan ir-reat huwa ghalhekk ta’ hames snin.[10] Peress illi l-atti li ddeskriva Jason Camilleri allegatament graw bejn is-snin 1986 u 1987 u l-proceduri kontra l-appellant Pulis gew istitwiti fl-2003, l-azzjoni kriminali f’dar-rigward hi preskritta.

**64.** L-appellant Pulis jghid ukoll illi l-isforzi ta’ Lawrence Grech wasslu sabiex “b’mod verament lakoniku, erba’ persuni ohra ghamlu allegazzjoniijet nebuluzi kontra l-esponent. Dawn il-persuni huma Noel Dimech, Charles Falzon, Joseph Magro u Angelo Spiteri.”

**65.** Dwar Noel Dimech l-appellant Pulis jghid illi stranament, nonostante l-allegati esperjenzi xejn sbieh li ghadda minnhom dan Dimech, ix-xhud qal li kien jiccajta spiss ma’ l-appellant. Jghid li Dimech inoltre qal li f’okkazjoni minnhom kien ta statwa tal-Madonna lill-istess appellant bhala rigal wara li kien hareg mill-Istitut u kien jibghatlu *Christmas cards*.

**66.** Issa, kwantu ghax-xiehda li ta Noel Dimech ma hemm xejn neboluz fil-mod kif jiddeskrivi dak li jghid li ghadda minnu. Veru mbaghad illi certu agir jista’ jidher kontradittorju. Izda jrid jigi osservat illi, apparti dawn l-incidenti li dwarhom xehed Noel Dimech u l-persuni l-ohra, l-appellant Pulis kien erbgha u ghoxrin siegha responsabbli ghall-grupp tal-kbar u kien jaghmel minn kollox biex jghinhom. Kwantu ghar-rigal li ta lill-appellant, skond Noel Dimech dan kien f’okkazjoni meta l-istess appellant kien stieden lix-xhud u l-*partner* tieghu ghal *disco party*. Inoltre fil-kaz ta’ Noel Dimech huwa

[10] Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

interessanti dak li jghid illi darba minnhom kien ghamel xi punti fuq karta biex ikellem lid-Direttur tad-Dar fuqhom, inkluz dwar l-abbuz. Din in-nota halliha fuq il-mejda fil-kamra tieghu. Jghid li l-appellant ra din il-karta u xi tliet minuti wara li kien ra din il-karta, rega' dahal u ried ikellmu fuqha u qallu "li l-problemi kellna nsolvuhom fil-grupp taghna u mhux nohorguhom barra mill-grupp u qalli li mill-ghada stess kienu ser jitrangaw hafna affarijiet."

**67.** Peress illi l-appellant Pulis jallega illi dak li sar f'dawn il-proceduri kienet prattikament kongura mmexxija minn Lawrence Grech, huwa utili li jigi riprodott bran *in extenso* mix-xiehda ta' Noel Dimech ta' l-4 ta' Jannar 2005 minn fejn jidher car li Noel Dimech ha azzjoni wahdu wara li kien ra reklam tal-programm li kien se jittella' fuq BondiPlus u mnejn jidher car ukoll ir-rwol ta' Lawrence Grech:

"… meta jiena kont smajt ir-riklam illi ser ikun hemm programm partikolari ta' Bondiplus ta' San Guzepp nghid illi f'dan l-*advert* rajt lil Lawrence Grech u jien kif rajt lil dan Lawrence li qistu bhala ghadu tieghi jiena ma xtaqtx inkun fil-kaz ma' Lawrence Grech. Jiena imbaghad kont ghamilt rapport lill-pulizija u dan l-ghada filghodu stess, u dan l-ghada li kont rajt l-*advert*, jiena kont ghidt lill-pulizija li jiena kont xtaqt informazzjoni dwar il-kaz, imbaghad jien ghidtilhom li jien kont hemmhekk cioe` kont fl-Istitut ta' San Guzepp il-Hamrun, li kont wiehed minnhom u mbaghad il-pulizija ghamlu kuntatt mieghi. Nghid illi jiena meta rajt l-*adverts* kelli xi tletin sena u nghid illi meta saret il-kelma ghadu tieghi ghal Lawrence Grech nghid fis-sens li hu kien mar ghal riehu u jien kont mort ghal riehi w ahna meta konna gewwa San Guzepp u kien jinqala' xi haga bejni u bejn Lawrence kont nigi ikkastigat u Alla hares nghajjar lil Lawrence. Nghid li sa dalghodu stess jien iddiskutejt dwar dan il-kaz ma' Lawrence Grech. Nghid mhux ovvja li jien niddiskuti ma Lawrence Grech jekk ahna ltqajna l-Qorti dalghodu fuq il-kaz? Wara li kont ikkuntattjajt il-pulizija jien kont ghamilt kuntatt ma' gurnalista John Pisani u ghidtlu li xtaqt nghid l-istorja tieghi. Jidhirli li l-programm ta' Bondiplus kien dakinhar stess. Jiena mort ghand John Pisani biex nippubblika l-

istorja tieghi. Nghid illi jiena meta rajt fuq l-*advert* lil Lawrence Grech hsibt illi dan Lawrence Grech kien sejjer jiddefendi l-abbuzi li kienu jsiru fl-Istitut ta' San Guzepp il-Hamrun ghaliex dan hemmhekk kien ippreferut. Nghid illi dakinhar li kienet dehret l-istorja tieghi fuq il-gazzetta fil-ghaxija kien cempilli l-gurnalist u cioe` John Pisani u kien qalli li lilu kien ikkuntattjah Lawrence Grech biex ikun jaf min kienet il-persuna li ghamlet dik l-istorja. Imbaghad sar kuntatt ma' Lawrence Grech fis-sens illi kien cempilli Lawrence Grech. Meta jiena rajt il-programm ta' Bondiplus jiena innutajt illi dan Lawrence Grech kien qieghed fl-istess sitwazzjoni tieghi. Nghid illi l-pubblikazzjoni ta' l-istorja tieghi fil-gazzetta dehret fl-istess gurnata illi deher il-programm tat-television, Bondiplus. Il-gazzetta kienet l-Orizzont. Nghid illi f'din it-telefonata li kien ghamilli Lawrence Grech qalli biex ahna nibbekkjaw lil xulxin u jekk irrid kien hemm l-avukat taghhom li kien qieghed jahdem fuq il-kaz u li jekk irrid nikkuntattja lilu. Semmieli lil Dr Patrick Valentino. Jiena fl-istess telefonata lil Lawrence Grech ghidtlu li jien ridt nikkuntattja lill-avukat taghhom u hu offrieli li niltaqghu fejn il-pompa tal-petrol ta' Sta Venera jekk m'inhix sejjer zball biex hu imbaghad jehodni ghand l-avukat. Dan gara. Nghid illi f'din it-tragitt minn Sta Venera ghar-Rabat Lawrence Grech lili qalli biex nimxu id f'id ma' xulxin ghaliex ahna kollha qeghdin fl-istess ilma. Jien irrispondejtu li l-importanti li mhux naqla' xi grazzi jien imma illi dawn l-affarijiet ma jibqghux jigru. Fil-karozza ma ssemmewx flus. Imbaghad morna r-Rabat. Nghid illi meta morna ghand l-avukat Dr Valentino kien hemm xi hin fejn Lawrence Grech laqqaghni ma l-avukat, imbaghad kien hemm hin fejn jien lil Dr Valentino kellimtu wahdi. Nghid illi mbaghad wassalni lura Lawrence Grech hdejn il-pompa ta' Sta Venera fejn kien hemm il-karozza tieghi. Nghid illi f'din l-okkazjoni li sejrin lura ma jidhirlix li ssemmew xi flus minn Lawrence Grech fil-konfront tieghi u lanqas jien ma semmejt flus lil Lawrence Grech. Bhala diskors ma jidhirlix li kien hemm xi haga specjali x'intqal. M'inhix cert jekk hux qabel jew wara li bdiet din il-kawza, kont jien li cempilt lil Lawrence Grech u ssuggerejtlu li missna nixtru xi haga lill-avukat taghna u ltqajna jien u Lawrence Grech u xtrajna dan l-oggett u morna jiena u Lawrence ghand l-avukat biex

naghtuh dan l-oggett. Nghid illi imbaghad wara li bdiet din il-kawza, kelli kuntatti ma Lawrence Grech fis-sens illi konna ncemplu lil xulxin u nistaqsu meta kien imissna meta nixhdu l-qorti, u biex nattendu l-qorti u wkoll li mbaghad li niltaqghu meta nigu l-qorti. Jidhirli illi wara li kienet diga` bdiet din il-kawza, kien cempilli Lawrence Grech li kien qalli biex niltaqghu bhala grupp ghal ikla imma jien ghidtlu li peress li kelli l-mara u t-tfal ma stajtx nattendi u ma mortx."

**68.** Dwar Charles Falzon l-appellant Pulis jghid illi dan dahal l-Istitut meta kellu erbatax-il sena u qal semplicement li xi gimaghtejn wara li dahal, l-appellant beda jmisslu saqajh imbaghad il-parti tieghu, u dan darba biss. L-appellant Pulis jghid li dan Charles Falzon kien "wiehed mill-assistenti ta' Lawrence Grech meta dan umilja u nezza' lil David Cassar."

**69.** L-uniku mod ta' kif l-appellant Pulis jipprova jixhet dubju fuq ix-xiehda ta' Charles Falzon huwa billi jirreferi ghall-incident tal-Marfa ma' David Cassar. Dan l-incident din il-Qorti diga` ttrattatu *funditus* u ghalhekk qieghda hawn semplicement tirreferi ghall-paragrafi 34, 35 u 55 *supra*.

**70.** Ta' min jghid, pero`, illi fix-xiehda tieghu l-appellant Pulis jghid illi fl-Istitut kien hemm tfal li kienu jbatu minn rabja kbira u li fosthom kien hemm l-imsemmi Charles Falzon. Isemmi wkoll lil Angelo Spiteri u David Cassar. Jghid li Joseph Magro wkoll kellu rabja kbira fuqu ghaliex skond hu dik li qieghda ma' missieru hadet post ommu. Filwaqt illi Lawrence Grech kien gieli juri rabja specjalment fejn jidhlu affarijiet spiritwali. Jghid li kien hemm hafna tfal ohrajn fl-Istitut illi kellhom ukoll rabja, u wahda mill-*stresses* li kellu kienet li t-tfal din ir-rabja li kellhom fuqhom kienu jitfghuha fuqu. Din il-Qorti temmen illi jkun hemm tfal f'Istitut illi jkollhom rabja kbira fuqhom, u dan ghal diversi ragunijiet. Temmen ukoll illi din ir-rabja jistghu jdawruha fuq min ikun qieghed jiehu hsiebhom. Izda hija din spjegazzjoni bizzejjed ghaliex dawn il-persuni ghazlu li jixhdu kif xehdu? Imbaghad fil-konfront ta' l-aktar persuna li kienet vicina taghhom u li, anke skond numru

minnhom, ghamlitilhom tant gid? Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi anki abbuz sesswali jista' jikkawza rabja fil-persuna abbuzata.

**71.** Dwar Joseph Magro l-appellant Pulis jghid illi l-allegazzjonijiet tieghu jirrisalu ghal meta kellu bejn hmistax u sbatax-il sena u li dan xehed illi waqt l-allegat tbaghbis u masturbazzjoni kien jippretendi li jkun rieqed. L-appellant Pulis jghid li stranament Magro segwa l-passi ta' Lawrence Grech billi ghazel lill-istess appellant biex jiccelebralu z-zwieg tieghu u addirittura f'parti mix-xiehda tieghu jghid li ghalih l-appellant kien qisu missieru. L-appellant isaqsi jekk huwiex verosimili li jekk wiehed jissubixxi dan kollu jista' jippretendi li ghadu rieqed; jekk huwiex verosimili li tant kien jiddejjaq li wara kien jirremetti u mbaghad ma jipprova jirrespingi l-abbuz bl-ebda mod, lanqas b'semplici rimostranza; jekk huwiex verosimili li nonostante dan l-inkubu jitlob lil min kien jabbuzah biex jiccelebralu z-zwieg. Skond l-appellant Pulis, il-kolmo huwa li dan l-istess bniedem, fis-sena 2001(sentejn biss qabel ma hareg b'dawn l-allegazzjonijiet) ghamel *reunion* bhala forma ta' ringrazzjament ta' kemm l-istess appellant kien ghamel mat-tfal ta' l-Istitut kif ukoll organizza u gabar biex tawh ikona bhala rigal.

**72.** Dwar dak li kien "jissubixxi" Joseph Magro fix-xiehda tieghu tal-31 ta' Ottubru 2003 jghid li kien jisthi hafna mill-appellant filwaqt illi dwar dak li jista' jidher bhala agir kontradittorju forsi l-aqwa risposta jtiha l-istess Joseph Magro meta jghid: "Nixtieq nghid li jien ma kontx ha nitkellem ghax jien ghadni obbligat lejn Fr. Pulis. Huwa kien sabli xoghol. U jien tkellimt ghax sirt naf li dan baqa' jabbuza f'David." Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2008 in kontro-ezami zied jghid:

"Jiena ma' Father Carmelo Pulis ir-relazzjoni mieghu kienet wahda tajba hafna.  Jien ghalija Father Carmelo Pulis kien qisu missieri u meta kien ikolli problemi kont immur nitkellem mieghu.  Jiena nghid illi Father Carmelo Pulis ghalina t-tfal kien jaqbez ghalina u kien jghinna. Nghid li Father Carmelo Pulis qatt ma sawwatni…. Kien Father Carmelo Pulis li lili kien sabli x-xoghol biex

nahdem.  U dana kien sabli x-xoghol id-Dockyard.  Nghid illi darba kellna *get together* ghax wiehed minnha kien fetah hanut il-Gzira u nghid illi kienet din l-okkazzjoni li Lawrence Grech kien fetah id-diskors fuq David Cassar. Jiena fuq dak li qalli Lawrence Grech u tenut kont dak li diga` ghidt u cioe` li jien kont ili ghaxar snin illi spiccajt mill-istitut u allura irrealizzajt li l-abbuzi baqghu xorta jien allura dwar dan kont mahruq u rrabjat.  Iddecidejna li nitkellmu."

**73.** Fl-ahharnett l-appellant Pulis jirreferi ghal Angelo Spiteri li dahal l-Istitut meta kellu hdax-il sena u dam hemm sakemm ghalaq sittax-il sena u li qal li l-abbuz da parti ta' l-appellant dan ghaddej tul il-perijodu kollu li dam l-Istitut. Jghid li sfortunatament ma setax jinstab biex isirlu kontro-ezami izda l-animu tieghu jirrizulta mix-xiehda ta' l-appellant meta qal li fl-Istitut kemm-il darba gew misruqin u li darba qabad lill-imsemmi Angelo Spiteri *red-handed*. Dan talab lill-appellant biex jahfirlu izda hu qallu li kienu xebghu li kienu jisirquhom. L-appellant irrapporta il-kaz tas-serq lil Fr. Kola u Angelo Spiteri spicca tkecca.

**73.** B'dan l-appellant Pulis irid jinsinwa illi Angelo Spiteri qal l-affarjiet li qal biex ipattihielu ghax kien tkecca mill-Istitut. Din il-Qorti mhijiex se tipprova tispekula x'immotiva lil Angelo Spiteri jixhed kif xehed, izda se tirreferi ghal dak li xehed hu fid-29 ta' Ottubru 2003 dwar kif wasal biex jitkellem: "Jien kont smajt minghand shabi tax-xoghol li kien ser isir programm fuq ta' San Guzepp …. Filghaxija mort id-dar, rajt il-programm. Rajt lil Lawrence Grech fuq it-televizjoni u ftakart li dan kien isemmieh hafna Fr. Pulis. Dak il-hin startjajt il-karozza u mort il-programm ta' Lou Bondi biex nghid il-verzjoni tieghi u tajt il-verzjoni tieghi fl-ufficcju tat-televizjoni …. Nghid li jien kont rajt lil Lawrence Grech fl-istudios ta' Lou Bondi u dan kienu spiccaw mill-programm dak il-hin u kien staqsieni jekk hux veru li jien kont gejt abbuzat. Jien irrispondejt li iva u talabni biex naghtih it-*telephone number* tieghi halli hu jkellem lill-pulizija biex imbaghad lill-pulizija jien naghtihom l-istatement tieghi. U nghid li fil-fatt qabel ma saru l-laqghat fir-residenza ta' dan Lawrence Grech jien kont diga` ghamilt l-istatement tieghi lill-pulizija." L-Assistent

Kummissarju Michael Cassar fil-fatt ikkonferma li dan Angelo Spiteri kien ghamel rapport (fost persuni ohra) fejn ghamel allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali da parti ta' l-appellant Pulis u Br. Bonett. Jidher ghalhekk li Angelo Spiteri wkoll ma tkellimx ghax "xprunat" minn Lawrence Grech, ghax dan mar minn jeddu fl-istazzjon televiziv mnejn kien qieghed jigi trazmess il-programm BondiPlus.

**74.** L-appellant Pulis jirreferi ghall-fatt li waqt il-proceduri quddiem il-Qorti Istruttorja diversi xhieda kkonfermaw li qatt ma kien hemm allegazzjonijiet ta' abbuzi sesswali fuq tfal da parti ta' l-istess appellant. Isemmi lil <u>Fr. Silvio Bezzina</u> li qal li qatt ma kien hemm rapporti kontra l-appellant Pulis, lanqas minghand Lawrence Grech u dan la meta Grech kien l-Istitut u lanqas fis-snin ta' wara meta kien jattendi l-Istitut bhala *helper*. L-appellant jirreferi ghax-xiehda ta' <u>Joseph Michael Calleja</u>, *social worker*, li ukoll xehed li qatt ma kellu rapport kontra l-appellant dwar xi abbuz. "Dan ix-xhud", ikompli jghid l-appellant, " li fil-fatt kien sar *social worker*, wara li hu stess kien vittma ta' abbuz, ghamel hafna zmien jahdem ma' l-esponent. Calleja, li spjega li kien konsegwentement partikolarment sensittiv ghal sinjali ta' abbuz, kemm fil-vittmi kif ukoll fil-perpetraturi, qatt ma nnota ebda sinjali u qatt ma dahallu suspett li l-esponent kien qed jabbuza minn xi hadd. Calleja jkompli jispjega kif ghal hafna snin kien ikun l-Istitut kuljum f'hinijiet diversi tal-gurnata u anke kien jidhol fil-kamra ta' l-esponent minghajr preavviz tant li kien jidhol anke meta l-esponent lanqas biss ikun ghadu qam. Ta' min jghid li Calleja kien ilu midhla ta' dan l-Istitut sa mis-sena 1980."

**75.** L-appellant Pulis jirreferi wkoll ghax-xiehda ta' <u>John Debattista</u>, ghalliem u membru tat-*Third World Group* li ghamel xoghol ta' volontarjat ghal hdax-il sena shah fejn kien imur kwazi kuljum u fejn kien prattikament jghix, u li spjega kemm kien qrib tal-guvintur li kienu residenti fl-Istitut. "Dan ix-xhud", jghid l-appellant, "qal li kienu johorgu flimkien, jilaghbu flimkien u jifthu qalbhom flimkien u, fis-snin materja tal-kawza, hadd qatt ma tkellem mieghu fuq xi molestji da part tal-patrijiet, qatt ma sema' xnieghat ta' dan it-tip u qatt ma ra xejn b'ghajnejh li b'xi mod seta'

jindika li kienu qed isiru dawn l-abbuzi." Jirreferi ghal Martin Micallef, Chief Psychologist mad-Divizjoni tas-Sahha, li hadem fl-Istitut bejn is-sena 1995 u s-sena 1998, li wkoll ikkonferma li qatt ma rcieva rapporti ta' abbuz sesswali. Jirreferi ghal Roderick Montesin li meta xehed kien residenti l-Istitut ta' San Guzepp u li xehed li qatt ma ghadda minn xi esperjenzi ta' abbuz sesswali. U anke ghal Roland Sollars, li kien student gewwa St. Agatha meta l-appellant kien qieghed hemmhekk, li jikkonferma li qatt ma ssubixxa xi abbuzi sesswali da parti ta' l-appellant u lanqas ma sema' xnieghat dwar xi abbuzi ta' dan it-tip.

**76.** Dawn ix-xhieda li rrefera ghalihom l-appellant Pulis huma kollha, fil-fehma ta' din il-Qorti, kredibbli. Biss huwa fatt illi persuni li jissubixxu abbuzi sesswali hafna drabi ma jikxfux il-perpetratur. Ir-ragunijiet huma diversi: misthija, li mhumiex se jitwemmnu, sens ta' htija, biza' ta' ritorsjoni, biza' ta' vittimizzazzjoni minn shabhom stess, karattru sokkombenti, l-ghoti ta' privileggi, preokkupazzjoni li l-perpetratur li qieghed jiehu hsiebhom ikollu problemi. Imbaghad it-tfal ghandhom bzonn l-imhabba u ma jitkellmux jekk jahsbu li l-prezz li jistghu jsofru jekk jitkellmu jkun iz-zamma ta' dik l-imhabba. Fl-istess hin mill-provi jidher illi kien hemm min tkellem fuq xi abbuzi allegatament sofferti. Lawrence Grech xehed li kien qal lill-appellant Pulis li wiehed mill-patrijiet li kien ikun maghhom il-Marfa kien immasturbah fil-bahar. Jason Camilleri xehed illi kien qal lill-appellant Scerri dwar dak li kien ghamillu l-appellant Pulis. Noel Dimech jghid li kien kiteb nota b'xi punti, inkluz dwar l-abbuz, biex ikellem lid-direttur u din in-nota kien rahielu l-appellant Pulis. Angelo Spiteri jghid li darba tkellem "mal-qassis dwar dan u nghid li nonostante li dan il-*father* ghidtlu dwar dan l-abbuz ma kien sar xejn."

**77.** Wara li l-appellant jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu dwar id-diversi *parte civile*, jerga' jaghmel numru ta' osservazzjonijiet dwar l-agir kontradittorju ta' Lawrence Grech. Jghid li l-vittmi reali solitament ma jfittxux pubblicita` ghalihom mentri Lawrence Grech ghamel proprju l-oppost u b'hekk ikkonferma kemm John Debattista qaxxar il-karattru ta' l-istess Grech meta qal li

dan Grech kien ihobb jilghabha tal-vittma u dejjem ried l-attenzjoni. Jghid li jekk Grech issubixxa l-abbuzi li jghid li ssubixxa allura kien jistmerr il-post fejn sehhew dawn l-abbuzi u jaghmel minn kollox biex jevitah, izda Grech anzi ma ghamel xejn biex jipprova jitlaq mill-Istitut, baqa' f'kuntatt regolari ma' l-appellant, stiednu biex joqghod mieghu u mal-familja tieghu meta kien qieghed l-Awstralja, organizza *parties* ta' ringrazzjament u *reunions* u sahansitra talab lill-appellant biex jiccelebralu z-zwieg.

**78.** Huwa minnu li hemm agir li jista' jissejjah kontradittorju da parte ta' numru mill-*parte civile*. M'hemmx dubju li solitament il-vittmi ta' abbuz sesswali ma jkunux iridu juru ruhhom. Lawrence Grech u shabu ghazlu l-kuntrarju. X'kienet il-motivazzjoni din il-Qorti mhijiex sejra tipprova tispekula. <u>L-ezitu ta' kawza, jiddependi fuq il-provi li jitressqu quddiem il-Qorti u mhux fuq kemm persuna tidher jew ma tidhirx fil-pubbliku.</u> M'hemmx dubju wkoll li l-agir ta' Lawrence Grech vis-à-vis l-appellant huwa verament kontradittorju fis-sens illi minn banda hemm allegazzjoni ta' abbuzi sesswali da parte ta' l-appellant Pulis u mill-banda l-ohra dan Grech ma ghamel xejn biex jipprova jitlaq mill-Istitut, baqa' f'kuntatt regolari ma' l-appellant, stiednu ghand il-familja meta kien qieghed l-Awstralja, organizza *parties* ta' ringrazzjament u sahansitra talab lill-appellant biex jiccelebralu z-zwieg. Irid jitfakkar, pero`, illi Lawrence Grech xehed illi l-abbuz li ddeskriva dam ghal perijodu ta' sena, jigifieri sakemm kellu erbatax-il sena u nofs meta jghid li "waqaf kollox". Jigifieri wara Grech ghamel madwar hames snin ohra l-Istitut li fihom ra gid biss minghand l-appellant. Fix-xiehda tieghu l-appellant jghid illi Lawrence Grech qed jigdeb fuqu minhabba *revenge* u minhabba rabja kbira. *Revenge* fuqhiex? Rabja kbira fuqhiex? L-unika raguni li jista' jkun hemm tirrigwarda l-abbuzi sesswali.

**79.** Ghall-osservazzjoni ta' l-appellant Pulis li l-unici rapporti li saru kienu minn persuni li, b'xi mod jew iehor, kellhom konnessjoni ma' Lawrence Grech, din il-Qorti tfakkar illi, kif gie osservat precedentement, kien hemm min tkellem ghax ra l-programm BondiPlus u persuna

minnhom sahansitra kienet tqis lil Lawrence Grech bhala “ghadu” taghha.

**80.** L-appellant jghid illi mhumiex verosimili li tfal u zghazagh ta’ bejn erbatax u sbatax-il sena jissokkombu ghal atti li jqisu bhala ripunjanti u disgustanti minghajr ebda forma ta’ rezistenza. Dan, pero`, jiddependi minn hafna fatturi, fosthom l-izvilupp fizjologiku u psikologiku. Difatti mix-xhieda naraw li kien hemm min irrezista, kien hemm min ipprova jirrezisti u kien hemm min ma rrezistiex. Barra minn hekk kien hemm min kien ghadu hafna izghar. Minn ezami tax-xiehda li taw ir-rispettivi xhieda difatti johorgu d-differenzi fil-mod ta’ kif agixxew jew irreagixxew. Il-verita` hi li, ghalkemm in-natura ta’ l-atti kienet l-istess, kollha kellhom l-istorja partikolari taghhom x’jirrakkontaw.

**81.** L-ewwel Qorti semghet ix-xhieda *viva voce* u hija kellha l-opportunita` li tara u tisma’ x-xhieda u ghalhekk kellha l-opportunita` tqis “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tax-xhieda u “tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xiehda” u “jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz” (artikolu 637 tal-Kap. 9). Fis-sentenza taghha qalet: “Il-Qorti tirrileva li kellha l-opportunita` li tisma’ x-xhieda kollha li xehdu f’din il-kawza u ghalhekk kienet f’posizzjoni li tista’ tosserva l-komportament tal-persuna meta din kienet qeda tiddeponi.” Hija tat kredibilita` lil dak li qalu d-diversi *parte civile* dwar l-abbuzi li huma ssokkombew. Din il-Qorti mhijiex se tirrepeti x’qalu kull wiehed minnhom dwar in-natura ta’ l-abbuzi. F’dar-rigward taghmel referenza ghas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti u ghat-traskrizzjoniiet tax-xiehda. M’hemmx dubju illi, salv ghall-kaz ta’ Jason Camilleri, kienu jikkonsistu f’*atti di libidine*.

**82.** L-appellant cahad kategorikament fix-xiehda tieghu li qatt abbuza tfal. L-ewwel Qorti ma emmnitux. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet fil-paragrafi precedenti, u wara li din il-Qorti ezaminat b’attenzjoni ix-xiehda tad-diversi xhieda li xehdu quddiem l-ewwel Qorti, dik il-Qorti setghet legalment u

ragjonevolment tasal ghal tali konkluzjoni, u cioe` li fil-fatt sehhew *atti di libidine* fuq il-persuni hawn fuq imsemmija.

**83.** Dak li din il-Qorti trid issa tiddetermina huwa jekk hemmx ir-rabta tar-reat kontinwat bejn id-diversi suggetti passivi. Bhalma diga` ntqal (*supra* para. 13), biex jissussisti r-reat kontinwat irid ikun hemm pluralita` ta' azzjonijiet jew ommissjonijiet, bi vjolazzjoni ta' l-istess disposizzjoni tal-ligi, maghmulin b'risoluzzjoni wahda (*un identico disegno criminoso*), u liema vjolazzjonijiet jistghu jkunu saru anke fi zminijiet differenti. Din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tikkunsidra din il-kwistjoni fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Stephen Mifsud et** deciz fis-16 ta' Gunju 2010. F'dik il-kawza l-imputati kienu gew akkuzati li kienu wettqu offizi ta' natura hafifa fuq tlett itfal minorenni. Fiha din il-Qorti kkummentat: **"Kull wiehed mill-minorenni ghandu d-drittijiet tieghu personali ta' inkolumita` li huma salvagwardati mil-ligi. Is-swat ma kienx isir bhala xi punizzjoni kollettiva, izda fuq kull wiehed minnhom <u>f'cirkostanzi differenti</u> u tul medda taz-zmien"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-fatt hemm irrizulta illi l-offizi li sofrew it-tliet minorenni kienu r-rizultat ta' swat ta' natura differenti f'cirkostanzi differenti u b'konsegwenzi differenti, u maghmul fi zminijiet differenti. Jigifieri kien hemm risoluzzjoni differenti kull darba li ssawwat xi wiehed jew iehor mill-imsemmijin tlett itfal.

**84.** Naturalment anke fil-kaz in ezami jrid jinghad illi kull wiehed mill-minorenni nvoluti kellhom id-drittijiet taghhom personali ta' inkolumita` salvagwardati mil-ligi. Barra minn hekk si trattava ta' ambjent maghluq, hux Santa Venera jew il-Marfa huwa rrilevanti, ambjent kemm jista' jkun bhal dak ta' dar fejn ir-residenti jitqiesu bhala membri ta' familja wahda kbira u fejn kellhom lill-appellant Pulis bhala persuna li kienet tiehu hsiebhom. U anke fil-kaz in ezami kien hemm pluralita` ta' atti li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, f'dan il-kaz l-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali. Pero`, ghalkemm saru fuq persuni differenti, ma jistax jinghad li ma sarux bl-istess risoluzzjoni ghax hawn si trattava ta' atti ta' l-istess natura maghmulin b'certa regolarita` fuq numru ta' minorenni (ghalkemm fil-kaz ta' almenu wiehed minnhom darba biss), u evidentement bl-

istess skop, jigifieri kien hemm _a same system of conduct_. Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li hawn tezisti r-rabta tar-reat kontinwat bejn id-diversi suggetti passivi, eskluz naturalment Jason Camilleri li fir-rigward tieghu gie deciz li si trattava tar-reat kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali u li jinsab preskritt. Konsegwentement, filwaqt illi l-azzjoni fir-rigward ta' Joseph Magro, Charles Falzon, Angelo Spiteri u David Cassar mhijiex fi kwalunkwe kaz preskritta peress illi anke kieku mehudin individwalment ma ddekorriex il-perijodu preskrittiv ta' hmistax-il sena, l-azzjoni fir-rigward ta' Lawrence Grech, Noel Dimech u Oliver Goodrum lanqas ma hija preskritta in vista tar-rabta li hemm bejn id-diversi soggetti passivi.

**85.** Fir-rigward tat-tielet aggravju saret rinunzja fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2012, u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali aggravju.

**Ir-rikors ta' appell ta' Francesco sive Godwin Scerri**

**86.** L-aggravji ta' l-appellant Francesco sive Godwin Scerri huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-imputazzjonijiet li taghhom huwa gie misjub hati huma preskritti; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed selettiv, parzjali u inkomplet; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, anke jekk wiehed kellu jiskarta l-kwistjonijiet kollha ta' preskrizzjoni u ta' kredibilita`, jibqa' l-fatt li l-allegazzjonijiet ta' Oliver Goodrum ma jikkostitwux ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, il-piena erogata hija sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**87.** Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti qieghda f'dan l-istadju semplicement tirreferi ghal dak li ntqal *supra* f'paragrafi 10 sa 22 u tipprovdi aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

**88.** Permezz tat-tieni aggravju l-appellant Scerri qieghed jitlob li din il-Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-

provi. Issa, ghalkemm l-unici persuni li ghamlu allegazzjonijiet kontra l-appellant Scerri kienu Leonard Camilleri u Oliver Goodrum, l-appellant jirreferi wkoll ghal Lawrence Grech u ghall-mod kif jghid li dan "gabar diversi persuni li kollha kellhom, b'xi mod jew iehor, rabtiet mieghu u dawn, ghalkemm hafna snin wara li kienu telqu mill-Istitut, f'daqqa wahda bdew jaghmlu diversi allegazzjonijiet fil-konfront ta' diversi patrijiet fl-Istitut Dar San Guzepp, fosthom l-esponent." A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi ghall-osservazzjonijiet li diga` ghamlet meta kienet qed tittratta l-appell ta' Carmelo Pulis.

**89.** L-appellant Scerri jattakka l-kredibilita` ta' Oliver Goodrum. Jaghmel l-istess sottomissjonijiet li ghamel l-appellant Pulis fir-rigward tieghu, u f'dar-rigward din il-Qorti tirreferi ghall-paragrafi 57 u 58 *supra*. Pero` hawn si tratta ta' allegazzjoni li ghamel dan Oliver Goodrum fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2003 li l-Marfa kien ikun hemm l-appellant Scerri li waqt li jkun ghaddej fil-kuridur kien imur imisslu l-genitali tieghu minn fuq il-qalziet u li dan gara hafna drabi. Jghid li baqghet sejra hekk sakemm telaq mill-Istitut. Meta Oliver Goodrum rega' xehed fl-20 ta' Novembru 2006 qal li l-appellant Scerri ma kienx missu l-Marfa. Meta rega' xehed fil-5 ta' Frar 2007 rega' semma li l-appellant Scerri kien imissu l-Marfa. Dawn huma inkonsistenzi li ma jistghux ma jigux innotati.

**90.** L-appellant Scerri josserva wkoll illi huwa qatt ma kien jiehu hsieb it-tfal, u li x-xiehda ta' Oliver Goodrum li l-istess appellant kien wiehed mit-tlieta li l-aktar kienu jiehdu hsieb it-tfal hija negata minn kull xhud. Jghid illi l-ewwel Qorti stess illiberatu mic-cirkostanzi aggravanti ta' l-artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali. Hawn ukoll l-appellant ghandu ragun.

**91.** L-appellant Scerri josserva wkoll illi huwa gab provi biex juri li bejn Jannar 1981 u Settembru 1991, salv parentesi zghira fis-sena 1985, huwa ma kienx qieghed Malta. Huwa spjega illi meta gie lura ma kien involut bl-eba mod ma' l-Istitut ta' San Guzepp u lanqas ma kien jirrisjedi hemm, u dan lanqas meta gie Malta fis-sena 1991. In sostenn ta' dan l-appellant esebixxa tliet

passaporti (Dok. FGS3, Dok. FGS4 u Dok. FGS5) kif ukoll lista (Dok. FGS8) bid-dati tat-tluq tieghu minn Malta u dhul tieghu lura. Din il-kwistjoni giet trattata mill-ewwel Qorti li kkonkludiet li bejn il-21 ta’ Settembru 1985 u l-20 ta’ Lulju 1990 bilfors l-appellant Scerri kien jinsab Malta.

**92.** Din il-Qorti ezaminat id-dokumenti in kwistjoni. M’hemmx dubju l-ewwelnett illi l-appellant Scerri kien telaq minn Malta fit-12 ta’ Jannar 1981 u dahal il-Kanada bhala immigrant biex iwettaq xoghol hemmhekk. Huwa jghid illi gie ordnat mis-Superjur tieghu biex jitlaq mill-Kanada u jigi lura Malta fl-1991. Minn meta telaq fl-1981, l-ewwel darba li jidher li kien irritorna Malta kien fil-25 ta’ Gunju 1985. Issa, fid-Dok. FGS8 ghal xi raguni l-appellant Scerri kien kiteb bhala wahda mid-dati ta’ tluq tieghu minn Malta il-21 ta’ Settembru 1985, hassarha u kiteb “Arrival” minflok. Pero`, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, fil-passaport Dok. FGS4 f’pagna 8, hemm timbru li jindika li d-data tat-tluq tieghu minn Malta kienet il-21 ta’ Settembru 1985, filwaqt illi huwa kien wasal Malta fit-13 ta’ Settembru 1985 skond timbru iehor li hemm fuq l-istess pagna 8. Ukoll fuq l-istess passaport u fuq l-istess pagna hemm timbru bid-data tal-21 ta’ Settembru 1985 indikanti li dakinhar dahal l-Ingilterrra minn Gatwick. Din il-Qorti tosserva illi fid-Dok. FGS8 l-appellant indika li wara li kien gie Malta fil-25 ta’ Gunju 1985 rega’ telaq fis-6 ta’ Lulju 1985 u rritorna fit-13 ta’ Lulju 1985. Dan jista’ jkun minnu peress illi, ghalkemm m’hemm l-ebda timbru fil-passaport relattiv bid-data tat-tluq, hemm timbru f’pagna 9 ta’ dan l-istess passaport li, ghalkemm kwazi indecifrabbli, tidher li tindika “Arrival” f’Malta bl-ajru fis-sena 1985. Hemm imbaghad timbru fuq pagna 11 li jindika li fit-2 ta’ Ottubru 1985 dahal id-Danimarka u timbru iehor fuq pagna 13 li fit-13 ta’ Ottubru 1985 dahal l-Ingilterra minn Dover. Hemm anke visa f’pagna 15 moghti mill-Ambaxxata ta’ l-Israel f’Londra biex seta’ jidhol l-Israel. Dawn huma indikazzjonijiet cari li l-appellant Scerri ma setax kien Malta dak il-perijodu kollu li ndikat l-ewwel Qorti. Huwa minnu li, kronologikament, hemm timbru li jindika li l-

appellant Scerri telaq minn Malta fl-20 ta’ Lulju 1990[11] (f’pagna 8), u li dakinhar dahal Belgrade (f’pagna 29), izda m’hemm l-ebda timbru li jindika meta kien irritorna Malta wara l-ahhar tluq tieghu fil-21 ta’ Settembru 1985. Hemm timbru li jindika “Arrival” f’pagna 25 bhala s-27 ta’ Lulju izda s-sena ma tidhirx. L-appellant jghid li s-sena kienet is-sena 1990 u dan huwa possibbli peress illi fit-tielet passaport (Dok. FGS5) hemm timbru bid-data tat-tluq 3 ta’ Awissu 1990 (f’pagna 7). Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tghid illi jirrizulta minghajr dubju ragjonevoli illi l-appellant Scerri kien Malta bejn l-1985 u l-1990 salv ghall-perijodi ndikati, u cioe` 25 ta’ Gunju 1985 sas-6 ta’ Lulju 1985, 13 ta’ Lulju 1985 sas-6 ta’ Settembru 1985 u 13 ta’ Settembru 1985 sal-21 ta’ Settembru 1985.

**93.** Oliver Goodrum kien l-Istitut ta’ San Guzepp mis-7 ta’ Settembru 1981 sat-2 ta’ Settembru 1987. Fix-xiehda tieghu ma jghidx u lanqas ma jaghti indikazzjoni meta seta’ gara dak li jallega li ghamel l-appellant Scerri. Barra minn hekk, kif diga` nghad, l-ewwel jghid li l-appellant Scerri kien imissu l-Marfa, imbaghad li ma kienx imissu l-Marfa, imbaghad jerga’ jghid li kien imissu l-Marfa. L-appellant Scerri xehed illi lil dan Oliver Goodrum l-ewwel darba li rah kien fil-kawza. Meta gie Malta fl-1985 kien sabiex izewweg lin-neputija u qatt ma mar l-Istitut f’dak il-perijodu. Qaghad jew ghand huh f’Birzebbugia jew id-dar tal-Missjunarji f’Birzebbugia wkoll. Huwa esebixxa zewg dokumenti (Dok. FGS1 u FGS2) rilaxxati minn Fr. Stanley Tomlin li kien direttur ta’ Dar San Guzepp mill-1982 sal-1988 li fihom iddikjara li l-appellant Scerri ma kienx membru tal-komunita` tieghu f’dak il-perijodu u li ma jiftakarx li qatt rah la Santa Venera u lanqas il-Marfa f’dak il-perijodu. Dawn iz-zewg dokumenti, pero`, ma gewx ikkonfermati bil-gurament minn Fr. Tomlin peress illi lehaq miet fil-mori tal-kawza. Tajjeb jinghad, pero`, li hadd mill-kontemporaneji ta’ Oliver Goodrum[12] ma jissenjala l-presenza ta’ l-appellant Scerri fil-perijodu li fih Oliver Goodrum kien l-Istitut.

---

[11] Id-difiza ssuggeriet waqt it-trattazzjoni li din id-data hija l-20 ta’ Lulju 1998, izda dan mhuwiex possibli peress illi l-passaport in kwistjoni kien validu sat-13 ta’ April 1986 u gie mgedded sat-13 ta’ April 1991.
[12] Lawrence Grech, Joseph Magro, Noel Dimech.

**94.** Fic-cirkostanzi, partikolarment minhabba l-mod kif l-istess Oliver Goodrum ikkontradica lilu nnifsu fix-xiehda tieghu u minhabba illi l-appellant Scerri pprova illi fil-maggor parti taz-zmien meta Goodrum kien l-Istitut huwa ma kienx Malta salv ghal perijodi qsar fl-1985, din il-Qorti hi tal-fehma li jezisti dubju ragjonevoli jekk verament l-appellant Scerri ghamilx dak li Oliver Goodrum allega li ghamel l-appellant.

**95.** Fid-dawl ta’ din il-konkluzjoni din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tikkunsidra t-tielet aggravju fejn l-appellant Scerri jissottometti illi fil-konfront ta’ Oliver Goodrum l-allegazzjonijiet tieghu ma jikkostitwux ir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, u ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess aggravju.

**96.** L-appellant Scerri jaghmel ukoll diversi sottomissjonijiet dwar Leonard Camilleri li huma l-istess bhalma ghamel l-appellant Pulis. F’dar-rigward ghalhekk din il-Qorti tirreferi ghall-paragrafi 39 sa 47 *supra*.

**97.** Fir-rigward ta’ Leonard Camilleri l-appellant Scerri jghid ukoll li ma setax kien Malta meta sar dak li Camilleri jallega li sar. Jghid li Camilleri jsemmi l-1991. Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda ta’ Leonard Camilleri u l-passaport ta’ l-appellant Dok. FGS5. Leonard Camilleri jghid illi l-ewwel incident gara fil-Marfa meta kellu erbatax-il sena meta l-appellant Scerri kien mar hemm *weekend* ghall-mistrieh. Camilleri twieled fit-2 ta’ Lulju 1977. Mela ghalaq erbatax-il sena fit-2 ta’ Lulju 1991. L-appellant Scerri wasal Malta fil-21 ta’ Settembru 1991 (pagna 9 tad-Dok. FGS5). Jigifieri fis-sajf tas-sena 1991 l-appellant Scerri ma setax ikun il-Marfa. Issa, nonostante illi fix-xiehda tieghu Leonard Camilleri qal li l-incident imsemmi gara meta kellu erbatax-il sena, fl-istess xiehda jispecifika li dak li gara gara s-sajf ta’ wara l-incidenti li ddeskriva fejn kien hemm l-appellant Pulis involut, meta kien ghadda mal-grupp tal-kbar: “Imbaghad ghalaqt l-eta` li nigi trasferit ghall-kbar u lilna l-kbar kien jiehu hsiebna Fr. Pulis. Hu kien taghni kamra hdejh u kien qalli li dak li kien gara l-Marfa qisu ma gara xejn. Li sar sar. Inzid nghid li

mbaghad is-sajf ta' wara jien kelli esperjenza ohra. Kont mal-kbar … u kien hemm certu Fr. Godwin ….” Issa, mill-provi jirrizulta li t-tfal fid-Dar San Guzepp kienu jghaddu mal-grupp tal-kbar meta kienu jaghlqu hmistax-il sena. Dan ifisser illi dak li jiddeskrivi Leonard Camilleri sehh fl-1992. Mill-passaport Dok. FGS5 jirrizulta illi l-appellant Scerri kien imsiefer mit-3 ta' Jannar 1992 sat-3 ta' April 1992. Jigifieri fis-sajf tas-sena 1992 l-appellant Scerri kien jinsab Malta. Mela l-ewwel Qorti kienet korretta fl-analizi li ghamlet.

**98.** Kwantu ghall-allegazzjonijiet li ghamel Leonard Camilleri dwar l-appellant Scerri riferibbilment ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, u cioe` dwar li kien hemm numru ta' atti li jammontaw ghal *atti di libidine*, l-ewwel Qorti, nonostante c-cahda ta' l-appellant Scerri, emmnet il-verzjoni ta' Leonard Camilleri. Din il-Qorti, wara li ezaminat ix-xiehda relattiva b'attenzjoni, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha maghmula, hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta' l-appellant Scerri ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Issa, peress illi mix-xiehda ta' Leonard Camilleri jirrizultaw numru ta' atti fuq perijodu ta' zmien, huwa applikabbli wkoll l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali. Dan ifisser illi l-piena applikabbli, bhal fil-kaz ta' l-appellant Pulis, hi minn minimu ta' tliet snin sa massimu ta' tnax-il sena. Dan ifisser illi l-perijodu preskrittiv huwa ta' hmistax-il sena skond l-artikolu 688(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress illi l-atti li ddeskriva Leonard Camilleri sehhew almenu fis-sena 1992 u l-appellant Scerri tressaq il-Qorti fit-28 ta' Ottubru 2003, ma kienx iddekorra l-perijodu preskrittiv.

**<u>Il-piena</u>**

**99.** Dwar il-piena, iz-zewg appellanti jghidu illi din hija sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**100.** L-appellant Pulis jghid illi l-piena fuqu nflitta hija l-massimu previst mil-ligi minghajr iz-zieda fakultattiva minhabba r-reat kontinwat kif imsemmija fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali. Jghid illi ha l-ordinazzjoni tieghu fl-1974

u, bl-eccezzjoni ta’ l-allegazzjonijiet maghmula minn Lawrence Grech u l-persuni konnessi mieghu ghal ragunijiet varji mhux biss qatt ma kien hemm allegazzjonijiet fil-konfront tieghu izda lanqas ma kien hemm xnieghat fuqu. Kif xehdu diversi persuni, kien persuna mahbuba hafna mit-tfal proprju minhabba x-xoghol li kien jaghmel ma’ eluf ta’ persuni fil-bzonn. Dan gie kkonfermat anke minn uhud mill-persuni li ghamlu l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu li anke ghamlulu *parties* u tawh rigali bhala sinjal ta’ gratitudini. L-appellant Pulis jghid illi huwa persuna anzjana li jbati minn problemi psikologici serji; ghadda minn hafna f’hajtu u anke ra persuni fil-familja tieghu jikkommettu suwicidju. Il-marda apparentement genetika affliggiet lilu wkoll kif spjega x-xhud il-psikjatra l-Onor. Dr. Joe Cassar. Inoltre gie anke kkundannat u kastigat mis-socjeta` in generali bhala konsegwenza tal-*media* negattiva li kien hemm fil-konfront tieghu tul l-ahar snin. Ghalhekk il-piena nflitta hi wahda ingusta u krudili.

**101.** L-appellant Scerri jghid li l-piena nflitta fuqu hija kwazi fil-massimu minghajr tali zieda fakultattiva. Huwa persuna anzjana li ma jimmeritax li jqatta’ l-ahhar snin ta’ hajtu gewwa habs. Bhall-appellant Pulis, gie anke kkundannat u kastigat mis-socjeta` in generali bhala konsegwenza tal-*media* negattiva li kien hemm fil-konfront tieghu tul l-ahhar snin. Ghalhekk il-piena nflitta hi wahda ingusta u krudili specjalment tenut kont il-kondotta tieghu u l-fatt li l-aktar allegazzjonijiet recenti jirrisalu ghal ghoxrin sena ilu.

**102.** Il-principju regolatur in materja ta’ piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[13]. Fil-kaz in ezami m’hemmx dubju li l-piena nflitta fuq iz-zewg appellanti taqa’ fil-parametri tal-ligi peress illi l-

[13] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et**, 2 ta’ Ottubru 2002; **Il-Pulizija v. Maurizio Massimiliano**, 13 ta’ Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs David Vella**, 14 ta’ Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta’ April 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Albert Ellul**, 14 ta’ Lulju 2005

parametri huma ta' prigunerija minn minimu ta' tliet snin sa massimu ta' tnax-il sena.[14] Dan huwa hekk anke jekk fir-rigward ta' l-appellant Pulis instab illi ghal dak li jirrigwarda Jason Camilleri si trattava tar-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur u li l-azzjoni hi preskritta, u li fir-rigward ta' l-appellant Scerri se jigi dikjarat mhux hati ghal dak li jirrigwarda Oliver Goodrum.

**103.** Issa, huwa minnu li z-zewg appellanti huma nies ta' certa eta` u, bhalma jirrizulta mix-xiehda tat-tobba – il-psikjatra l-Onor. Dr. Joe Cassar li xehed quddiem l-ewwel Qori u l-psikjatra Dr. Mark Xuereb li xehed quddiem din il-Qorti dwar l-appellant Pulis, u Dr. Josef Micallef u Mr Stephen Mattocks li xehdu quddiem din il-Qorti dwar l-appellant Scerri – it-tnejn ghandhom problemi kbar ta' sahha, izda dawn il-fatturi wahedhom, filwaqt illi jaghmilhom persuni vulnerabbli, mhumiex ragunijiet bizzejjed biex iwasslu Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ma tikkunsidrax piena ta' prigunerija. Difatti d-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghandu l-mezzi biex jipprovdi ghal dik l-ghajnuna psikjatrika, psikologika u medika li jkollhom bzonn persuni bhal dawn. Huwa minnu wkoll illi z-zewg appellanti ghamlu xoghol siewi hafna fil-missjoni rispettiv taghhom. Tant hu hekk illi, bhalma korrettement jghid l-appellant Pulis, uhud mill-persuni li xehdu dwar abbuzi li saru fil-konfront taghhom anke fahhruh ta' kemm ghamel maghhom. Jibqa' l-fatt, pero`, li r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni huwa reat serju u ikrah u li jista' jhalli diversi effetti kemm fizjologici kif ukoll psikologici fuq min ikun esperjenzahom.

**104.** Imbaghad, bhalma ntqal f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as**

[14] Ara para. 16 *supra*.

**individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [15]

**105.** Din hija l-pozizzjoni li konsistentement hadet din il-Qorti. Ghalhekk ma tarax li hemm lok li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-piena.

**106.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-bqija ta' l-appell ta' l-Avukat Generali, mill-appell ta' Carmelo Pulis u mill-appell ta' Francesco sive Godwin Scerri billi:

(1) tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant Carmelo Pulis hati ta' l-imputazzjoni dedotta

[15] Page 1695, para. D23.45

kontra tieghu skond l-artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu din tirrigwarda l-*parte civile* Jason Camilleri u minflok tiddikjara li si trattava tar-reat kompriz u involut ta' attentat vjolent ghall-pudur skond l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-azzjoni fir-rigward hi preskritta u b'hekk tillibera lill-imsemmi Carmelo Pulis minn kull imputazzjoni li tirrigwarda l-imsemmi Jason Camilleri;

(2) tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant Francesco sive Godwin Scerri hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu skond l-artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu din tirrigwarda l-*parte civile* Oliver Goodrum u minflok tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjoni in kwantu tirrigwarda l-imsemmi Oliver Goodrum; u

(3) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, bhalma solitament jaghmel, ghandu jipprovdi liz-zewg appellanti Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri l-kura psikjatrika, psikologika u medika li huma jehtiegu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------